

# dawl Franġiskan

LEHEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

NOVEMBRU 2007 – IS-27 SENA – GĦADD 274 – NEWSPAPER POST – ISSN 1811-5373
















3 **Xahar is-Sliem**
Editorjal

4 **Bint Ġefte - Xebba Meskina**
minn Mons. Lawrenz Sciberras

6 **Teleskopju fuq il-Ħajja**
minn P. William Axiaq OFMCap

8 **Għaddew il-Festi kollha**
minn Kav Joe M Attard

9 **Novella**
minn Emily Barbaro Sant

10 **Żvilupp Edukattiv fil-Kenja**
minn Mons. Francis Baldacchino,
Isqof tad-Djoċesi ta' Malindi, il-Kenja

12 **Ordinazzjoni Saċerdotali**
minn Mons. Francis Baldacchino,
Isqof tad-Djoċesi ta' Malindi, il-Kenja

14 **Kif Inkitbu l-Evanġelji (8)**
minn Fr Martin Micallef OFMCap

16 **OFS**
minn Joyce Zammit

17 **Attiviajiet OFS**
minn Fr Godfrey Zarb OFMCap

18 **Okkult**
minn Fr Franco Fenech OFMCap

19 **It-Tarka u x-Xabla**
minn Dr Tonio Piscopo MD, MRCP (UK), DTM&H (Lond.)

20 **Meta t-Tobba saru Terroristi!**
minn Dr. Mario Saliba MD

22 **Pellegrinaġġ li ma ninsa qatt!**
minn Lawrence Attard

23 **Lejn Alla bl-Isport**
minn Joe Attard

24 **Tweġiba**
minn P. William Axiaq OFMCap

25 **Gi.FRA**
minn Manuel De Gabriele

26 **Novizzjat**
minn Fr Joey Giuliano OFMCap

27 **Siltiet tal-Papa Benedittu XVI**
minn Harry Agius Ordway

28 **Il-Bolol ta' Malta**
minn Tony C Cutajar

29 **Poeżija/Appostolat tat-Talb**

30 **Kompetizzjonijiet**
minn P. Wistin Attard OFMCap

31 **Is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-xogħol**
minn Martin Bugeja

**Ħlas ta' l-Abbonament: Lm4 fis-sena.**
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur:
**Ċentru Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14**



*Qoxra:*
**San Franġisk t'Assisi f'estasi.**

***Pittura (1595) fuq it-tila ta' Caravaggio li tinsab f'Wadsworth Atheneum, Hartford, Connecticut.***

**BORD EDITORJALI**

**Editur**
Leonard Falzon OFMCap

**Amministratur**
Crispin Tabone OFMCap

**Distributur**
Dorian Holland OFS

**Membri**
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap

**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 2123 3874/2122 5525/2123 4949
e-mail: leofalzon@waldonet.net.mt

ISSN 1811-5373

**DISINN U LAYOUT**
Robert Tabone
Mob: 9947 3763

**MITBUGĦ**
P.E.G. Ltd., San Ġwann.
Tel: 2144 0083

*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*

© Dawl Franġiskan 2007
Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini

# XAHAR IS-SLIEM

**Novembru huwa x-xahar li fih niftakru fl-għeżież mejtin tagħna. It-tentazzjoni li taqbadna hija li ninħakmu minn emozzjonijiet nostalġiċi tal-passat u li b'kull mod inkunu rridu nreġġgħu l-arloġġ lura. Min hu għaqli u jaf jgħix b' responsabblità jitgħallem minn dak li għadda minnu ħalli jagħraf x'tifsira għandha ħajtu u jgħixha fil-milja tagħha mument b'mument.**

Fit-talba li tintalab bħala suffraġju għall-erwieħ ta' ħutna l-mejtin nitolbu: "**Agħtihom, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem, id-dawl ta' dejjem jiddi lilhom, jistrieħu fis-sliem. AMEN**". Haġa li tolqot l-għajn f'din it-talba hija r-rabta bejn il-kelma **"mistrieħ"** u **"sliem"**. Din ir-rabta hija importanti ħafna għalina li nemmnu. Għaliex?

Ħafna jilmentaw li jħossuhom maħkuma minn xogħol bla għadd. Lanqas jafu fejn se jaqbdu jagħtu rashom! Dawn it-talin qajla jiftakru l-kliem dehni tal-Mulej Ġesù meta wissiena: **"u minn minnkom, billi jħabbat rasu, jista' jtawwal għomru b'tul ta' driegħ wieħed?"** (Matt 6:27). Dan it-taħbit bla waqfien u din it-tensjoni li qed tikolna bħal kamla fejn se jwassluna?

Ix-xahar ta' Novembru jfakkarna fir-realtà li aħna mislufa f'din id-dinja. Aħna pellegrini f'pellegrinaġġ lejn **"Ġerusalem tas-sema"** (Lhud 12:22). Biex ikun jisthoqqilna nidħlu f'Ġersualemm irridu ngħixu t-tifsira ta' isimha, jiġifieri **"sliem ir-ruħ"**. Sliem ruħna, moħħna u qalbna jinsabu f'Ġesù Kristu nnifsu. Huwa **"s-sliem tagħna"** (Efes 2:14). Permezz tal-passjoni, il-mewt u l-qawmien tiegħu ġabilna l-maħfra u r-rikonċiljazzjoni ma' Alla, bejnietna u magħna nfusna. Il-Mulej Ġesù jaf sewwa dak li ngħaddu minnu bħala bnedmin. Għalhekk qalilna: **"Ejjew għandi, intom ilkoll li mħabbtin u mgħobbijin, u jiena inserraħkom. Erfgħu l-madmad tiegħi fuqkom u tgħallmu minni, għax jien qalbi ħelwa u umli, u intom issibu mistrieħ għal irwieħkom, għax il-madmad tiegħi ħelu u t-tagħbija tiegħi ħafifa"** (Mt 11:28–30). Jekk Kristu huwa s-sliem għax fih innifsu huwa l-Aħbar it-Tajba u **"l-Evanġelju tal-paċi"** (Efes 6:15) dawk fostna li jgħarrfuh b'fommhom u b'ħajjithom jitolbuh: **"lejk nerfa' r-ruħ tiegħi, Mulej, Alla tiegħi"** (Salm 25:1).

Fi ħdan Ġesù Kristu aħna nesperjenzaw il ħajja ta' dejjem, u mas-salmista nistqarru b'konvinzjoni: **"F'Alla biss tistrieħ ruħi, għax minn għandu tiġi l-għajnuna tiegħi. Hu biss il-blata tiegħi, il-ħelsien tiegħi, il-fortizza tiegħi; anqas xejn ma nitħarrek"** (Salm 62:2-3). •



# Bint Ġefte

## XEBBA MESKINA

**Imħallef ieħor li għal xi żmien partikulari mexxa lil poplu t'Alla kien Ġefte. Dawn l-imħallfin kienu mexxejja kariżmatiċi tal-poplu ta' Iżrael għal ċertu perjodu fil-ħajja tagħhom. Bosta drabi l-għedewwa kienu jattakkaw il-Lhud. Alla għalhekk kien iqajjem lil xi mexxejja militari biex jorganizzaw gwerer kontra dawn l-għedewwa partikulari. Wieħed minn dawn l-imħallfin huwa Ġefte.**



### ĦALLIEL IMMA QALBIENI

Il-ktieb ta' l-Imħallfin f'kapitlu ħdax jagħti deskrizzjoni ċara ħafna ta' min kien l-imħallef Ġefte. Dan kien bniedem qalbieni u b'saħħtu, imma kien bin mara żienja. Minħabba din xortih, għalkemm hu ma kellu ebda ħtija, dan Ġefte sab ruħu mwarrab mhux biss mis-soċjetà, imma anki mill-istess ħutu tad-demm. Raġuni ta' dan, Ġefte ħarab 'il bogħod minn ħutu u mar jgħix f'art Tob.

Ġefte sab ruħu ma għandu xejn x'jagħmel. Ried jiekol u allura ġabar madwaru **"qatta rġiel li ma kellhomx x'jagħmlu, u kienu joħorġu miegħu għal xi serqa"**. Biex tkompli tgħaqad, Ġefte kien sar il-kap u mexxej ta' din il-marmalja ħallelin. Kulħadd sar jibża' minnu għaliex ma kien iġib ħniena lil ħadd. Dan Ġefte rnexxielu jiġbor miegħu għaqda ta' nies qalbiena lesti jissieltu sakemm joħorġu rebbieħa.

Issa fl-art ta' Iżrael ġara l-oppost. L-Għammonin ħabtu bis-sħiħ kollu għal Iżrael u kważi kienu rebħuh. Ir-raġuni għal dan kienet waħda. Iżrael ma kellux mexxej kapaċi jeħodha kontra l-Għammonin. Għalhekk ix-xjuħ ta' Iżrael marru għand Ġefte u talbuh biex ikun il-kap tagħhom ħalli jitqabad u jmexxihom kontra l-Għammonin.

Ġefte ma kienx nesa kemm l-Iżraelin kienu ġabu ruħhom miegħu ħażin, tant li weġibhom: **"Mhux intom bgħattuni u keċċejtuni minn dar missieri? Għala ġejtu għalija issa li sibtu ruħkom magħfusa?"** (Mħal 11:7). Ġefte kien jaf jgħodd sa l-għaxra. Induna li issa l-paġna nqalbet. Min bewġu 'l barra, issa ma jistax jgħaddi mingħajru. L-Iżraelin tant kellhom bżonn l-għajnuna ta' Ġefte biex dan imexxihom fil-gwerra illi wiegħduh li jagħmluh kap tagħhom.

Ġefte meta sema' b'dik il-wegħda kompla jgħidilhom: **"Jekk intom**



**se treġġgħuni lura biex nitqabad mal-Għammonin, u l-Mulej jerħihom f'idejja, inkun jien il-kap tagħkom."** Il-patt sar; Ġefte rritorna max-xjuħ ta' Gilgħad.

## IL-WEGĦDA TA' ĠEFTE

Issa kienet se tibda parti oħra fil-ħajja ta' Ġefte. Dan il-bniedem ra li kellu quddiemu prova iebsa. Ried joħroġ ta' raġel; ried ixejjen lill-Għammonin biex ireġġa s-sliem f'art missirijietu. Ġefte però nduna li din xejn ma kienet biċċa xogħol faċli għalih. Se jissielet u jitqabad kontra għadu qalil u aħrax. U għalhekk talab bis-sħiħ l-għajnuna t'Alla. U propju issa hawn tidħol bintu fix-xena.

Bint l-imħallef Ġefte setgħet tgħid li xortiha kienet tassew waħda meskina. Ġefte b'dak li għamel u ħalef temm ħajjet l-għażiża bintu, meta din kienet għadha fl-aqwa ta' żgħożitha. It-test sagru, dejjem biex juri kemm kienet ħaġa serja din il-biċċa, qal li Ġefte għamel wegħda u ħalfa: **"U ġara li l-ispirtu tal-Mulej ġie fuq Ġefte; u Ġefte għamel wegħda lill-Mulej u qal: Jekk inti terħi f'idejja lil ulied Għammon, min joħroġ jilqagħni l-ewwel minn bieb dari, meta nerġa' lura bis-sliem minn quddiem il-Għammonin, ikun tal-Mulej u noffrihulu b'sagrifiċju"** (Mħal 11:31). Issa l-Ktieb tant prattiku tal-Koħelet jgħidlek li aħjar ma tagħmel xejn wegħdi (Koh 4:3).

Din kienet tassew wegħda iebsa, esaġerata u magħmula mingħajr ħsieb ta' xejn. Ġefte donnu kważi biex jobbliga 'l Alla jgħinu, għamel wegħda li jidbaħ 'l Alla persuna umana u fuq kollox li tkun tant għażiża għalih. Huwa kollu battal li wieħed joqgħod jargumenta dwar il-moralità ta' din il-kwalità ta' wegħda. Li tissagrifika ħajjet il-bnedmin 'l Alla kien ikkundannat mil-liġi ta' Mosè. Ġefte aġixxa dejjem skond il-mentalità ta' dak iż-żmien. Bdiet it-taqbida, u Ġefte ried jagħti prova konkreta li huwa kien kappaċi jagħmilha ta' mexxej militari wkoll. Ma' dan kien hemm ukoll l-għajnuna t'Alla li reħa f'idejn Ġefte għoxrin belt b'kollox. Il-konklużjoni ta' dan kollu kienet waħda: Kemm kien imħallef kapaċi u jinqala' dan Ġefte.



## BINTU ĦARĠET TILQGĦU

Wara rebħa hekk sensazzjonali Ġefte ried jiċċelebra bil-kbir din il-ġrajja. Erħielha lejn daru biex issa jieħu l-glorja tar-rebħa tiegħu kif ukoll it-tmexxija. U minflok il-glorja u l-ferħ, Ġefte kellu jixrob biki u mrar tassew aħrax. Min qatt kelli jgħidlu li wegħda li kien għamel kienet se tiswielu tant biki u hemm?

Minn issa 'l quddiem il-persunaġġ ċentrali ssir bint Ġefte stess. Naturalment meta missierha kien fil-kamp tal-battalja, bintu kienet tfittex li tkun infurmata sew dwaru u dwar l-andament tal-gwerra. U ssa fl-aħħar l-aħbar tant mixtieqa waslet. L-imħallef Ġefte rebaħ tassew u ražžan waħda sew l-għedewwa kollha tiegħu. Bintu mtliet bil-ferħ u daħlet tilbes l-isbaħ u l-ifjen ilbies li kellha, indilket bl-ogħna żjut ifuħu ħalli toħroġ tilqa', tifraħ u tagħmel għors lil missierha.

Bint Ġefte żgur ma kenitx taf bil-wegħda solenni li għamel missierha, jiġifieri li joqtol u joffri b'debħa 'l Alla (sagrifiċċju olokawst) l-ewwel persuna li toħroġ tilqgħu mid-dar. Ħarġet hi u flimkien magħha kien hemm ix-xebbiet jakkumpanjawha. U ħabta u sabta l-ferħ jinbidel f'niket, il-għana nbidel fi krib, iċ-ċapċip ta' l-idejn inbidel f'daqqiet fuq il-wiċċ. U biex tkompli tagħqad, Ġefte hekk kif ra lil għażiża bintu quddiemu beda jgħajjat, ċarrat ħwejġu u jgħid: **"Jaħasra binti. Int ħawwadtni sewwa, int l-inkwiet tiegħi. Tajt kelma lill-Mulej u ma nistax nerġa' lura minnha."**

## XEBBA RŻINA

Dwar dik li hija serjetà bint Ġefte hija tassew eċċezzjonali. Saret taf bil-wegħda li għamel missierha, wegħda lil Alla. U t-tfajla soda daqs il-blat qawwi qalet: **"Missier, int ftaħt fommok quddiem il-Mulej, agħmel minni skond ma ħareġ minn fommok la darba l-Mulej tak li titħallas mill-għedewwa tiegħek, ulied Għammon"** (Mħal 11:35). Bint Ġefte però talbet ħaġa waħda lil missierha, dik li tmur tibki xbubitha.

Il-ħolma tat-tfajliet Iżraelin kienet dik li jsiru ommijiet biex hekk iħallu warajhom nisel. Dan juri kemm il-verġinità kienet rari f'dak iż-żmien. Bint Ġefte qatt ma għarrfet raġel u għalhekk bilfors li hija kellha għaliex tibki u tixher.

Meta għaddew ix-xahrejn, l-imħallef Ġefte kompla l-wegħda li kien għamel: Qered ħajjet bintu, warda fl-isbaħ żmien. U minn għalih li b'hekk qed jogħġob 'l Alla. Kienet wegħda ħażina. Qatt ma kellu jkompli vot bħal dan. L-Iżraelin tant għalew għal ħajjet bint Ġefte li minn sena għal sena joħorġu l-bniet ta' Iżrael jibkuha, il-Gilgħadi.

Bint Ġefte sfat il-vittma meskina ta' missierha stess. •



# TELESKOPJU FUQ IL-ĦAJJA

**Il-ħajja qatt ma tonqos li toffrilna materjal fuqiex naħsbu. Ngħidulha ħajja minħabba l-fatt li dejjem toħloq affarijiet ġodda. B'hekk kontinwament tisfidana biex nirriflettu u nieħdu deċiżjonijiet. B'dan il-mod biss aħna stess insiru ħajjin. Fil-ħajja ħafna jeżistu, jew jiveġitaw biss, għax jieklu u jixorbu u daqshekk. Oħrajn, il-ftit ma jeżistux u jiveġitaw biss, imma jgħixu tassew. Dawn it-talin jafu jieklu mod ieħor. Aħna minn dawn ta' l-aħħar jew aħna minn dawk ta' l-ewwel?**

## GURU ELETTRONIKU



B'guru nifhmu Hindu mħarreġ fl-affarijiet tar-ruħ u, minħabba f'hekk, mexxej u għalliem spiritwali. Jgħin lil min jikkonsultah biex jikber fil-ħajja ta' l-ispirtu. Fir-reliġjon nisranija nsejħulu direttur spiritwali. Fl-Irlanda sabulu espressjoni mill-isbaħ. Isejħulu soul friend. Fil-fatt hekk hu tabilħaqq. Fil-każ tagħna b'guru elettroniku nifhmu prinċipalment it-televixin. Huwa dan il-mezz ta' komunikazzjoni soċjali li jilħaq miljuni ta' telespettaturi u qiegħed imexxi ħajjithom. Huwa qiegħed jiddettalhom liema huma l-valuri reali fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Jista' ma jmurx żmerċ u jista' jmur żmerċ sew f'dak li jwasslilhom bla heda.

P.T. Barnum kien qal b'ċertezza kbira fuqu: ***"There's a sucker born every minute"***. Forsi mhux veru? Forsi ma kellux raġun biex ibigħ jistqarr hekk? Ir-realtà tal-ħajja televiżiva saret ***smart advertisers, dumb customers***. Dan jiġri mhux fejn jidħlu affarijiet materjali biss – speċjalment dawk il-prodotti li għandhom x'jaqsmu mas-sbuħija fiżika biss – imma saħanitra fejn jidħlu diskorsi, espressjonijiet, mossi, ilbies, ġesti li għandhom x'jaqsmu ma' l-imġiba morali tal-bniedem. Sewwa qrajt x'imkien fuq propaganda systems li f'dawn il-mezzi elettroniċi ***"there's a great deal of delusive garbage, half-truths and outright lies"***. Tassew kien jaf x'inhu jgħid minn ħareġ b'dik l-istqarrija.



Quddiem ir-realtà tal-ħajja televiżiva wieħed irid jieqaf u jirrifletti jekk hux qed jiġi mkaxkar – forsi ħafna drabi b'mod inkonxju – minn dak li qed jisma', jara, jixrob. Hija iżjed ħaġa faċli li tkun sucker milli li tkun attent biex ma tkunx sucker. Kemm se ndumu suckers, f'kelma waħda 'trabi'? Dawn dejjem iridu jerdgħu.

Quddiem it-televixin l-ispettaturi qatt ma jridu jitilfu l-libertà tagħhom. Iridu jibqgħu bnedmin u mhux isiru mzazen, billi jibilgħu kollox, jagħmel il-mazzun. Quddiem it-televixin it-telespettaturi jridu dejjem jiftakru li għandhom guru interjuri: il-kuxjenza tagħhom li Alla żejjinhom biha, biex tmexxihom u twittilhom it-triq għas-sewwa. Din tordnalhom għall-ġid tagħhom stess: ***to gather, sift, outline, conclude, critique***.

> **Mulej, agħmilni għaqli/ għaqlija meta nkun quddiem it-televixin, iżjed u iżjed jekk jien mikrum/mikruma għalih.**

## POP CULTURE

Fi żmienna nħolqot dik li qed isejħulha pop culture, pop lyrics, pop music. Il-mużika klassika ma baqgħetx tappella iżjed bħalma kienet tagħmel sa ftit żmien ilu. Issa ħafna huma msaħħrin minn kwalità oħra ta' mużika li ma niżbaljax jekk ngħid li hija inferjuri ħafna għal dik klassika. Madankollu anki dik trid tagħmel il-ġirja tagħha, sakemm għamla oħra ta' mużika teħdilha postha.

Charles de Gaulle kien qal: ***"Give me your country's popular songwriters, and I'll give you the country"***. Forsi mhux hekk qed jiġri? Ħafna drabi x-xileb – wara l-mezzi elettroniċi (internet, televixin...) - qiegħed f'idejn min qed jikteb u qiegħed ikanta mużika lirika, li għaliha qegħdin jattendu eluf ta' nies. Dawn saru jafu bl-amment il-kontenut tal-kanzunetti iżjed milli jafu l-kelma ta' Ġesù li trid issalvalhom ruħhom.

M'ilhux ġew imfakkrin l-erbgħin sena minn mindu Elvis Presley ħalliena. Daru saret kważi santwarju sagru. Dan il-kantant Amerikan, bin il-bdiewa, kien ***"a nimble guitar picker from Tennessee with a modest talent but a shrewd hunch about the kind of music young people wanted. He parlayed that small talent and hunch to a point where he was so rich that he could give cadillac convertibles to waitresses for tips. He poisoned himself for years with drugs and finally died of excess"***.

Ħafna drabi l-lirika pop tkun mimlija messaġġi sbieħ u tħajjar għal dak li jagħmel ġieħ lill-bniedem. Imma drabi oħra tkun mimlija b'espressjonijiet vulgari u messaġġi baxxi għall-aħħar. Dan kollu għandu effett pożittiv jew nagattiv fuq il-moħħ, il-qalb u d-deċiżjoni ta' dawk l-eluf li jinġabru f'postijiet pubbliċi, biex jieħdu sehem f'disco, huma u jkantaw,



ixejjru idejhom u jiżżegilgu mar-ritmu tal-mużika li jkunu qegħdin jisimgħu għalenija. In-nisrani li jħobb mużika pop irid ikun għaqli biżżejjed biex jagħżel mużika pop minn oħra. Irid ikun kapaċi jwarrab dik li ma tibnihx u jagħżel dik li għandha ħila tibnih. Kulma għedt dwar it-televixin wieħed irid japplikah hawnhekk ukoll.

**Mulej, għinni ħalli nkun għassa fuqi nnifsi u fuq dak li jogħġobni fid-dinja rikreattiva ta' llum li mhux dejjem jirrifletti l-ħsieb tiegħek.**

## MANKANZA FIS-SESSWALITÁ

Is-sess u s-sesswalità huma valuri kbar. Ħarġu minn idejn Alla. Imma l-bniedem, ħaġa ta' l-għaġeb, dak li ġu qaddis bilfors irid ikabru, jagħrqu, jirvinah, minflok jibża' għalih u jżommu ġdid fjammant. L-għors tiegħu li jistad u jogħdos fil-ħama, diżgrazzjatament.

Fejn jidħol sess u sesswalità tarana nagħmlu kollox: nitkellmu dwarhom ħafna drabi b'mod li ma jirriflettix maturità; noħolmu dwarhom b'mod maqtugħ mir-realtà; niffantastikaw fuqhom, għax min jaf x'naħsbu li fihom; niċċajtaw u nidħku bihom bħallikieku kienu affarijiet taż-żufjett; nabbuzzaw bihom, bħallikieku ġisimna huwa batterija sesswali. Ara kemm ħafna minna aħna taċ-ċajt! L-iżjed ħaġa importanti hi li naħsbu fuq il-valur tas-sess u tas-sesswalità, u hawnhekk li aħna difettużi. Kieku naħsbu bis-serjetà fuq il-kobor u d-dinjità tas-sess u tas-sesswalità, kieku tgħidx kemm noħolqu klima li tgħin il-ħarsien morali tagħhom, kemm fil-privat kif ukoll fil-pubbliku.

Kieku flok noqogħdu nqalbu l-websites fuq l-internet, naqbdu xi ktieb tajjeb – u kotba fuq il-valur tas-sess u tas-sesswalità ma jonqsux fi żmienna – kieku nidraw naħsbu kif suppost fuq sess u sesswalità. Niftakru li l-ħajja sesswali qiegħda prinċipalment f'moħħna. Aħna qisna siġra bil-maqlub. Is-siġra għandha l-għeruq l-isfel u ż-żkuk u l-friegħi 'l fuq. Aħna għandna l-għerq 'il fuq u l-kumplament 'l isfel. Alla fl-għerf tiegħu għamilna hekk. Moħħna jrid jikkonvinċina li l-passjonijiet sesswali tagħna huma qaddejja tajbin, imma sidien kefrin għall-aħħar.

Jekk nieħdu ħsieb moħħna billi nimlewh bi ħwejjeġ indaf sesswalment, l-imġiba tagħna tkun f'postha sesswalment. Dan ifisser li ngħixu fil-paċi mingħajr ħafna burraxki sesswali żejda f'ħajjitna li ma jagħmlulniex tajjeb xejn, għax iħallu ħafna konsegwenzi koroħ warajhom. San Pawl igħid: ***"Ix-xewqat tal-ġisem lwasslu għall-mewt; ix-xewqat ta' l-Ispirtu jwasslu għall-ħajja u s-sliem"*** (Rum 8:6). X'hemm isbaħ minn ħajja safja mimlija kalma spiritwali bl-inqas waqgħat possibbli?

Jekk moħħ il-bniedem ta' llum ikollu ħsibijiet sesswali dinjitużi f'dinja li moħħha wisq f'dak li hu maħmuġ sesswalment, il-ħajja tiegħu ssir tixbaħ lil dik ta' Kardinal Federiku Borromeo. Dwaru Alessandro Manzoni jikteb: ***"His life is a stream which springs cleanly out of the rock, flows in a long course across varied country without ever growing stagnant or muddy, and finally flows on unsullied into the river".***

**Mulej, agħtini ġisem safi frott ta' moħħ safi.**

## IL-VITTMI TAL-BULLYING

F'xena minn ***Portrait of the Artist as a Young Man*** ta' James Yoyce, ***"Stephen Dedalus, a bespectacled lad for whom the word 'nerd' could have been coined, is hovering at the edge of an afternoon school rugby match when a class bully named Wells stops and look at him".*** Dan staqsa lil ieħor jekk ibusx lil ommu qabel ma jmur jorqod. Stephen wieġbu li iva. Wells idur fuq sħabu u jgħidilhom li fosthom hemm wieħed li jbus lil ommu kull filgħaxija qabel ma jidħol jorqod. Huma waqfu mil-logħba u daru lejn Stephen maqsumin bid-daħk. Lil Stephen telgħatlu fawra għal wiċċu meta ra għajnejhom kollha fuqu, u stqarr li dak li għadu kemm qal Wells m'huwiex minnu. Wells qal li fosthom hemm wieħed li qabel ma jidħol fis-sodda filgħaxija ma jmurx jagħti bewsa lil ommu. Il-players reġgħu faqqgħu daħka. Stephen kieku pprova jidħak magħhom, imma ħassu konfuż għall-aħħar. Ried kieku jgħid il-verità u, fl-istess ħin, ma jridx jgħidha biex ma joħrogx taċ-ċajt quddiem sħabu li kienu qegħdin jistennewha toħrog minn fommu.

Reġgħet bdiet l-iskola. Għal ċerti tfal il-ftuħ ta' l-iskola huwa qatgħa, għaliex jafu li jridu jħabbtu wiċċhom ma' xi wħud minn sħabhom li huma pulikarja. Dawn jieħdu pjaċir jaqbdu ma' xi wħud minn sħabhom li jkunu fi grupp u jippruvaw iwaqqgħuhom għaċ-ċajt, isawtuhom jew jagħmlulhom xi vendikazzjoni minn għalihom b'daqshekk li qed jagħmlu xi bravura. Ħafna drabi huwa l-biża' tal-vittmi tal-bullying li jagħmel tfal jew żgħażagħ bullies. Imma tfal u adolexxenti kwieti ma jridux jikkonfondu quddiem dawn it-talin. Iridu jkunu kapaċi jiqfulhom bil-pulit u mhux joqogħdu għal dak li jkollhom f'moħħhom dawk il-persuni kesħin. Irid ikollhom personalità u jagħrfu jagħtuhom tagħlima li tibqgħalhom għal għomorhom kollu. Iridu jkunu kapaċi jneħħulhom l-arja kollha minn fuqhom bla ġlied, inkella iżjed jagħmlulhom.

Meta iż-żewġ bravi mibgħuta mill-prepotenti Don Rodrigo heddew lil Don Abbondio li, jekk iżewweġ lil Luċija u 'l Renzo b'rasu jdur, u dan irritorna d-dar mill-passiġġata li kien imdorri jagħmel u fetaħ qalbu ma' Perpetua, is-seftura tiegħu, u qalilha li kellu joqgħod għal dak li talbu minnu, din qaltlu fil-pront: ***"Why, sir, people don't dish out bullets like sweets at a party. These dogs don't bite every time they bark, and it would be a pity if they did. And I've always noticed that it's those who show their teeth a bit, and make people notice of them, who're respected in this world; and it's just because you won't stick up for youreself that we're reduced to the point where anyone can come along, begging your pardon, and..."***

Il-ġifa joħloq il-pulikarji li kontinwament qegħdin jiżdiedu, għax hawn min qed joqgħodilhom. Il-bully huwa persuna aggressiva, immatura li minn għaliha se tiġbed l-attenzjoni fuqha billi tagħmel atti kriminali u tippretendi li ma jkellimha ħadd. Hu bniedem li tela' mingħajr imħabba u rispett, trabba f'ambjent fejn ma sabx mudelli fuqiex ifassal ħajtu, u daħħal f'rasu minn kmieni li l-aħjar ħaġa għalih hi li jirridikolizza l-liġijiet. Dan qed jagħti sehemu biex il-vjolenza tinqaleb f'logħba, ħaġa li ma jistax ikun nagħlqu għajnejna għaliha. Il-bullying huwa fenomenu kompless u serju. Minħabba f'hekk jitlob soluzzjoni urġenti. Ħafna drabi jridu jsibulu tarfu dawk stess li jidħru li huma vittma tiegħu. •

**Mulej, għallimni kif bl-għemil tajjeb tiegħi nsikket fomm l-injoranza ta' nies bla għaqal (1Pt 2:15).**

# GĦADDEW IL-FESTI KOLLHA

**Għal grazzja t'Alla, bil-festa tal-Madonna tal-Grazzja għand l-irħieb Kapuċċini, issa nistgħu ngħidu li għaddew u tgerbu l-festi kollha b'wiċċ il-ġid. Bdejna ma' l-aħħar ta' Mejju bil-festa ta' San Pawl Nawfragu fil-Munxar b'Kappillan ġdid u bqajna għaddejjin bla waqfien sal-Ħadd 16 ta' Settembru.**





Dejjem jibqa' xi tifkira għażiża xi ssir bħal ngħidu aħna l-martri San Koronatu fin-Nadur, martri ieħor ta' l-istess epoka fiż-Żebbuġ u f'ta' Sannat, in-Nazzarenu fix-Xagħra u xi oħrajn. Imma żgur li l-Arċiprieti u l-Kappillani tagħna issa qed jieħdu n-nifs wara l-battikata li ġġib magħha kull festa. L-istess jista' jingħad għal Monsinjur Isqof Mario Grech li dis sena kien il paniġerista matul dan l-istaġun tal-festi. U qed insemmi lir-rgħajja spiritwali l-ewwel, għax il-festa hija qabel xejn okkażjoni devota, reliġjuża u għażiża, ta' linqas hekk għandha tkun. Il-festi esterni bil-baned, bit-tiżjin, bil-logħob tan-nar, bit-tiġrijiet tal-bhejjem u attivitajiet oħra jiġu wara u dawn qatt m'għandhom itellfu jew isiru f'xi ħin meta fil-knisja tkun għaddejja xi funzjoni.

Kollox ma' kollox kellna staġun tajjeb; dan ma jfissirx li mhemmx x'tirranġa! U mela le! Ċerta saħħa u kwantità żejda fin-nar għadek issib f'xi każi! (Kemm hu sewwa kieku xi ftit mill-flus imorru biex jgħinu xi istituzzjoni, biex inkun semmejt eżempju wieħed!) Xi ftit kummenti jew kitba **"lil dawk li ma jżommux magħna"** xi ftit għad hemm ukoll! Imma nemmen li fl-aħħar is-sens komun, l-imħabba, u l-maturità jipprevalu.

Żgur li l-festi ġew biex jibqgħu u l-maġġor parti tal-poplu tagħna tħobbhom u dawn jistgħu jkunu wkoll ta' attrazzjoni għal barranin, u allura għall-ekonomija tagħna. Ejjew nissuktaw nibżgħu għalihom u nkomplu nirfinawhom. Viva l-qaddis/a patrun/a tal-belt jew raħal tagħna. •



## *Limerikki*

**minn Tony C Cutajar**

### KULĦADD BAĦRI

Dinja bla problemi ma tkun qatt,
li l-ħajja hi varja huwa fatt;
xi ferħa jew marda –
fil-baħar bnazzi baħri kulħadd.



# MA SETAX JGĦIX MINGĦAJR DIXIE

**Mara ta' 32 sena jisimha Marianna tirrakkonta dwar binha Paul ta' 6 snin, li meta naqset mid-dar il-kelba Dixie, ma riedx jaf b'ikel.**

Il-familja ta' Marianna għexet għal għaxart ijiem sħaħ f'ansjetà kbira meta l-kelba tagħhom Dixie ta' razza mħallta bejn Huskie u German Shepherd naqset mid-dar. Dixie kienet kelba sabiħa u meqjusa bħala membru tal-familja.

Ġara li l-familja kollha ħallew darhom fil-belt biex marru jqattgħu tmiem il-ġimgħa f'dar ta' villeġġjatura. Għal din id-darba, billi telaq kulħadd mid-dar anki n-nanniet li kienu jgħixu magħhom, ftehmu li kellhom iħallu lil Dixie għassa mad-dar. B'aljenazzjoni, Marianna nsiet tagħlaq il-kanċell tad-dar biċ-ċavetta u Dixie pprofettat ruħha u għamlet waħda minn tagħha.

Kienet kelba intelliġenti ħafna u fehmet kif tista' toħroġ mill-kanċell meta dan ma jkunx imsakkar. Kif telaq kulħadd, b'sieqha ta' quddiem irnexxielha ġġerri l-lukkett u ħarġet tiġri kemm tiflaħ tfittex lill-familja. Iżda ġara li ntilfet għax id-dar tal-villeġġjatura ma kenitx taf tasal għaliha. Meta l-familja ndunat bin-nuqqas ta' Dixie, kien tard wisq. Fittxewha kemm felħu, bagħtu messaġġi bil-mobajl lil kull min kienu jafu forsi xi ħadd jilmaħ lil Dixie; ġabu avviżi fil-gazzetti u saħansitra ksew il-ħitan tat-toroq ta' madwar id-dar bir-ritratti tagħha. Imma donnu kien kollu għalxejn.

It-tfajjel Paul kellu qalbu maqsuma. Ma riedx jaf b'ikel, u lejl u nhar jaħseb fuq Dixie u jibki għaliha.

Meta kien jirnexxilu jorqod bil-lejl, Paul kien jistenbaħ maħsud jibki kemm jiflaħ għax ikun ħolom li qed jara lil Dixie taħt xi rota ta' karrozza. Tant l-għali ta' Paul kien kbir li anki saħħtu marret lura u ommu kellha tieħdu l-isptar. Hawn indaħal is-Sindku tal-belt li bagħat biex ikellem lil Paul. Fehmu li se jagħti struzzjonijiet lill-Kap tas-Sigurtà biex jagħmlu tfittxija sħiħa għal Dixie. Għal dak il-ħin, Paul deher sodisfatt, imma hekk kif mar lura d-dar, xorta waħda ma riedx jaf b'ikel.

Kienu diġà għaddew għaxart'ijiem minn meta naqset Dixie meta l-omm, Marianna, irċeviet telefonata mingħand ġurnalista li rat kelba fit-triq li dehrilha kienet tixbaħ ħafna lill-kelba li dehret fil-gazzetta. Mill-ewwel telqu għall-post indikat lilhom u hekk kif waslu u Dixie rathom, ġriet ġirja għal fuqhom bil-ftit saħħa li kien baqagħlha. Dixie kienet maħmuġa ħafna u kellha l-qigħan ta' saqajha kważi bil-feriti – sinjal ċar li mxiet ħafna.

Kienet laqgħa sabiħa kemm għall-familja kif ukoll għal Dixie. U reġgħu ngħaqdu lkoll mill-ġdid.

Lura d-dar, Marianna ħaslet sewwa lill-kelba u tatha tiekol għax kienet tidher li batiet anki minn nuqqas ta' ikel. Paul kien fis-seba' sema. Tgħidx kemm għannaqha miegħu, biesha u nqaleb magħha fuq it-tapit bħal ma kien jagħmel qabel intilfet.

Mhux hekk biss. Paul patta ta' kemm ma kielx f'dawk l-aħħar ġranet, għax beda jiekol kull ma bdew jaraw għajnejh. •



# ŻVILUPP EDUKATTIV FIL-KENJA

"Meta l-missjunarji bdew jifthu l-ewwel skejjel fil-Kenja huma kellhom iħallsu 'l missirjiet it-tfal biex iħalluhom imorru jitgħallmu."





Darba, tifel fqir qabad u daħal fi klassi ta' skola Protestanta u wera x-xewqa li jitgħallem. Il qassis tah x'jilbes, karta u lapes. Dan it-tifel, meta kiber, issielet għal jeddijiet niesu u artu, bata ħafna għalihom u fl-aħħar kisbilhom l-indipendenza. Dan kien il-President Jomo Kenyatta.

Imma llum il-folja nqalbet. Fi żmien il-ħakma kolonnjali l-iskejjel kienu ftit u fl-ibliet biss. L-aħjar skejjel, li minnhom ħarġu bosta mexxejja, kienu waħda Kattolika u oħra Protestanta. L-università kienet tgħodd ftit mijiet biss.

Kien bis-saħħa tal-Knejjes li l-edukazzjoni xterdet fi rħula mbiegħda, laħqet imqar il-klassi l-fqira u kisbet livell għoli.

Ma' l-indipendenza, il-Gvern fehem li kull progress hu msejjes fuq it-tagħlim. In-nies ukoll qatgħuha li jridu li wliedhom ikollhom ħajja isbaħ milli kellhom huma. Kienu lesti jistinkaw u jagħmlu minn kollox biex jilħqu dan il-għan.





Fi żmienna sehem kbir min-nefqa nazzjonali tmur għall-edukazzjoni mifruxa f'bosta friegħi: tfal żgħar, skola elementari u sekondarja, snajja', biedja, taħriġ ta' l-għalliema, tagħlim għall-bdiewa, skola għall-kbar, u mqar klassijiet dwar indafa, saħħa u t-trobbija tat-tfal.

L-erba' universitajiet jiġbru fihom 'il fuq minn tletin elf student; u eluf oħra jistudjaw barra mill-pajjiż. Is-seminarji kemm għall-qassisin kif ukoll għar-reliġjużi huma bosta u mimlijin. L-istess jgħodd għas-sorijiet. Kulħadd jixtieq jitgħallem.

'Il bogħod mill-ibliet, fl-irħula mqar żgħar, issib skola primarja li ħdejha jkollha kindergarten. Huma l-ġenituri li b'idejhom stess jibnu l-klassijiet, l-uffiċċji u d-djar ta' l-għalliema.

Matul l-ewwel snin il-piż tat-tmexxija jaqa' fuq il-ġenituri li jkollhom jiċċaħħdu mqar minn ikel u ħwejjeġ biex iħallsu dak li jiġu mitluba jagħtu. It-tfal ukoll jaħdmu r-raba' ta' l-iskola biex itaffu ftit mit-toqol ta' l-ispejjeż.

Spiss tara tfal ilventi, lebsin l-uniformi nadifa, bil-kotba u l-imgħażqa f'idejhom, sejrin l-iskola m'ommhom li tkun ħafja u liebsa ħwejjeġ imraqqgħin u maħmuġin!

Wara l-ewwel passi tal-ġenituri, jidħol il-Gvern biex jagħti sehmu permezz ta' għalliema, kotba, bankijiet u xi ftit ikel u ħalib b'xejn.

Saħansitra fi rħula żgħar ħafna, maqtugħin minn irħula oħra, tiltaqa' ma' skejjel fejn f'kull klassi bilkemm ikun hemm għaxart itfal. Madankollu, il-Gvern xorta jieħu ħsieb li jkollhom għalliema mħallsa minnu.

Imma mhux kollox ward u żahar! Fl-irħula l-bini hu kemm jista' jkun fqir; zkuk, tajn u ħaxix. L-għamara mill-inqas, il-kotba ftit, il-livell aktarx baxx u r-riżultati ferm agħar minn dawk ta' tfal ġejjin mill-ibliet.

Iktar ma l-ġenituri jittamaw li wliedhom se jsibu xogħol ħafif u mħallas tajjeb qribhom, iktar jitnikktu x'ħin jarawhom jew qegħdin jew imorru jaħdmu mijiet ta' mili 'l bogħod minn darhom.

Madankollu, dan bl-ebda mod ma' jaqta' qalb jew inaqqas ix-xewqa u l-ħerqa tagħhom li jedukaw 'l uliedhom subien u bniet. Bosta, imqar fi xjuħithom, imorru jitgħallmu jaqraw u jiktbu huma wkoll. •



# ORDINAZZJONI SAĊERDOTALI

## MINN MONS. FRANCIS BALDACCHINO, ISQOF TAD-DJOĊESI TA' MALINDI, KENJA

Nhar is-Sibt 11 t'Awissu 2007, f'Malindi, kellna festa kbira. Kulħadd sar jaf, insara u mhumiex, li kellna Ordinazzjoni Saċerdotali.

Kumitat speċjali kien ilu fuq xahrejn iħejji l-meħtieġ:

- *Tiżjin tal-post magħżul fil-beraħ, quddiem il-Katidral,*
- *Liturġija u l-ħwejjeġ meħtieġa kemm għal dak il-jum kif ukoll għar-rigal lis-saċerdot u d-djaknu;*
- *Irtir spiritwali u tħejjija spiritwali u pastorali l-aktar tas-saċerdot;*
- *Kuntatt mal-mistednin u tħejjija ta' post fejn jorqdu u x'se jieklu meta jkunu fostna (ġew mal-200 ruħ);*
- *Propaganda fil-parroċċi biex jattendu għat-twelid ta' saċerdot ġdid;*
- *Ġbir ta' offerti mingħand l-insara, flus, ross, mogħoż, frott...!*

Tliet karozzi mżejnin qishom ta' l-għarusa ġew għandi biex jieħdu lili u 'l dawk li kellhom jiġu Ordnati fil-Katidral.

Aħna u sejrin, jidher li weħlilhom il-ħorn, għax ġennu l-Malindi kollha bid-daqq. Kulħadd jieqaf u jistaqsi x'ġara...!

Kif qrobna lejn il-knisja għadd sabiħ ta' nisa ħarġu jilqgħuna bil-kant u ż-żfin, hekk li jiena bqajt dieħel u lilhom ħallejthom f'idejn in-nisa li wassluhom fil post xi kwarta wara l-ħin ... bla ħadd ma jgerger mid-dewmien.

Il-pjazza kienet mimlija bin-nies bil-qiegħda fuq il-bankijiet li nħargu mill-knisja.

Kien hemm 22 mit-30 saċerdot tad-Djoċesi kollha u numru ġmielu ta' sorijiet.

Il-kor żanżan ilbies ġdid u xi kant ġdid ukoll. In-nies bil-karti f'idejhom setgħu jkantaw mal-kor ukoll.

Bosta tfajliet żgħar fetħu l-proċessjoni biż-żfin liturġiku tagħhom u taw pjaċir lil kulħadd, b'mod

speċjali lil ommjiethom u dawk li għallmuhom u żejnuhom għall-okkażjoni. Il-kant, il-ferħ, it-tbissim kienu fuq wiċċ kulħadd.

Kienet festa tagħhom daqskemm tas-saċerdot u l-ġenituri taż-żewġ seminaristi.

Qamet għagħa meta:

- ***nieshom tellgħuhom quddiem l-Isqof biex jagħtuhom f'idejh,***
- ***meta mteddu ma' l-art,***
- ***meta jdejn s-saċerdot ġew midluka, u***
- ***l-Isqof serraħ idejh fuq ras il-qassis ġdid!***

L-iktar xena mqanqla kienet dik meta l-Isqof ġie mistieden jinżel għarkubbtejh quddiem l-artal biex is-saċerdot il-ġdid jagħtih il-barka tiegħu, qabel ma jbierek 'l ommu u 'l niesu.

Bla għadd kienu r-rigali: kollha oġġetti utli għall-ħajja ta' kull wieħed skond l-Ordinazzjoni li rċieva.

In-nies diġà bdew jitkellmu mill-Ordinazzjoni tad-Djaknu għal saċerdot xi sitt xhur oħra: terġa' dan hu mill-parroċa tal-Katidral stess. •

"L-iktar xena mqanqla kienet dik meta l-Isqof ġie mistieden jinżel għarkubbtejh quddiem l-artal biex is-saċerdot il-ġdid jagħtih il-barka tiegħu, qabel ma jbierek 'l ommu u 'l niesu."





# Kif inkitbu l-Evanġelji (8)



Meta nibdew naqraw l-Evanġelju skond San Ġwann, irridu nindunaw li dan fih bħal donnhom skussaturi letterarji fin-narrattiva. Ħafna studjużi ta' żmienna waqfu fuq dawn l-iskussaturi letterarji u waslu għall-konklużjoni li dan l-Evanġelju ma jidhirx li nkiteb minn persuna waħda kif l-anqas ma jidher li nkiteb f'daqqa. Ħa nagħtu xi ftit eżempji ta' dawn l-iskussaturi letterarji sabiex nifhmu dak li qed ngħidu.



Fi Ġw 2:11 l-Evanġelista jgħidilna li l-episodju ta' meta Ġesù biddel l-ilma f'inbid f'Kana **"kien l-ewwel wieħed fost is-sinjali"** tiegħu. Fi 4:54 imbagħad naqraw li l-fejqan ta' bin l-uffiċjal ġie mgħadud bħala **"sinjal ieħor, it-tieni wieħed li għamel Ġesù."** B'danakollu bejn dawn iż-żewġ referenzi fi 2:23 naqraw li **"waqt li kien Ġerusalemm għall-festa ta' l-Għid, kien hemm ħafna li emmnu f'ismu billi raw is-sinjali li kien jagħmel."** Jekk inhu hekk, mela, kif jista' jkun li l-miraklu tal-fejqan ta' bin l-uffiċjal fi 4:54 jiġi magħdud bħala t-tieni miraklu jew sinjal?

Hemm imbagħad is-sekwenza kurjuża ta' bejn il-kapitli 5 u 6. Fil-kapitlu 5 insibu lil

Ġesù f'Ġeursalemm. Fil-bidu tal-kapitlu 6, imbagħad, naqraw **"wara dan, Ġesù telaq lejn in-naħa l-oħra tal-baħar tal-Galilija, jew ta' Tiberija"** (6:1), bħallikieku Ġerusalem hija n-naħa l-oħra ta' Ġerusalemm. Imma hawn jekk irridu nagħtu eżempju qisna qegħdin Marsaxlokk (in-naħa t'isfel ta' Malta) u f'daqqa waħda issib ruħek Marsalforn f'Għawdex. Is-sekwenza ġeografika tidher li tagħmel aktar sens kieku wara l-kapitlu 4 li jispiċċa fil-**"Galilija"** (4:54), naqbżu direttament għall-kaptilu 6 li jitfaħ fuq nota oħra ġeografika, **"wara dan, Ġesù telaq lejn in-naħa l-oħra tal-baħar tal-Galilija"** (6:1).

Fi Ġw 11:2 l-Evanġelista jintroduċina ma' Marija oħra Marta bħala dik li **"dilket il-Mulej b'żejt ifuħ u xxuttatlu riġlejh b'xuxitha"** bħalikieku dan l-episodju diġà seħħ. Imma fil-fatt l-episodju ta' meta Marija tidket riġlejn Ġesù għadu ġej fil-kapitlu 12:1-8.

Fl-aħħar ċena, imbagħad, f'14:31 Ġesù jgħid lid-dixxipli li kienu miġburin miegħu **"Qumu! Ejjew nitilqu minn hawn!"** Hawn wieħed jistenna li se jaqra kif Ġesù flimkien mad-dixxipli kienu se jiċċaqilqu u joħorġu 'l barra. Imma fil-fatt mhux hekk jiġri. Ġesù jkompli bid-diskors tiegħu li jokkupa l-kapitli 15, 16 u 17. Huwa biss fil-bidu tal-kapitlu 18 li naqraw **"kif qal dan, Ġesù ħareġ mad-dixxipli tiegħu u qasam għan-naħa l-oħra tal-Wied ta' Kedron"** (v.1). Ħafna jaħsbu mela, li l-kapitli 15, 16 u 17 ġew miktuba wara u daħlu bħala feles bejn 14:31 u 18:1.

F'16:5 nerġgħu niltaqgħu ma' diffikultà oħra meta fl-aħħar ċena Ġesù jgħid lid-dixxipli: **"Issa sejjer għand dak li bagħatni, u ħadd minnkom ma jistaqsini, 'Fejn sejjer?'"** Imma mhux hekk jidher, għaliex aktar kmieni fi 13:36 Xmun Pietru kien diġà staqsa lil Ġesù: **"Fejn sejjer, Mulej?"**, filwaqt li f'14:5 Tumas kien staqsih: **"Mulej, aħna ma nafux fejn inti sejjer. Kif nistgħu nafu t-triq?"** Xi studjużi huma tal-fehma li r-referenza ta'16:5 trid tiġi qabel dawn iż-żewġ referenzi biex b'hekk tagħmel aktar sens.

Diffikultà oħra nsibuha fi 20:30-31 li tidher li kienet il-konklużjoni oriġinali ta' dan l-Evanġelju. Hawn naqraw hekk: **"Hemm ħafna sinjali oħra li Ġesù għamel quddiem id-dixxipli tiegħu u li m'humiex imniżżla f'dan il-kiteb. Iżda dawn inkitbu sabiex intom temmnu li Ġesù hu l-Messija l-Iben ta' Alla, u biex bit-twemmin tagħkom ikollkom il-ħajja f'ismu."**




Wara dan il-kliem, wieħed jaħseb li l-Evanġelju se jintemm hawn. Imma fil-fatt, jitfaċċa kapitlu ieħor, il-kapitlu 21 li ħafna studjużi jżommu li żdied wara. Dan il-kapitlu 21 jirrakkonta dehra oħra ta' Kristu Rxoxt u jispiċċa b'konklużjoni li tixbah ħafna lil dik li nsibu fi 20:30-31 meta naqraw: **"Iżda hemm ukoll bosta ħwejjeġ oħra li għamel Ġesù. Li kieku wieħed kellu jikteb kollox ħaġa b'ħaġa, naħseb li anqas id-dinja stess ma kienet tesagħhom il kotba li kienu jinkitbu"** (21:25).

Dawn huma xi wħud minn dawk li aħna qegħdin insejħulhom skussaturi letterarji fin-narrattiva tar-Raba' Evanġelju. Għal ħafna studjużi dawn l-iskussaturi letterarji huma indikazzjoni li dan l-Evanġelju ma nkitibx f'daqqa. Imma l-materjal oriġinali ta' dan l-Evanġelju baqa' jiżdied miegħu materjal ieħor biex tintwera aħjar id-Divinità ta' Ġesù Kristu, l-Iben ta' Alla l-ħaj, u sabiex il-qarrej ta' dan l-Evanġelju jemmen tassew f'Ġesù, il-mibgħut tal-Missier tas-Sema. •

# GĦALIEX KIENU JISSEJĦU AĦWA TAL-PENITENZA?



***Fis-seklu 13, fi żmien San Franġisk t'Assisi, saret riforma sħiħa li bdiet mil-lajċi nsara, li xtaqu jgħixu aktar qrib l-Evanġelju. Dan kien il-ħsieb u x-xewqa ta' San Franġisk meta waqqaf l-Ordni tal-patrijiet fl-1209/1210. Għażel għalih u għalihom ħajja ta' penitenza jew konverżjoni. F'dan l-impenn ingħaqdu miegħu kemm is-sorijiet ta' Santa Klara (1211-1212), kif ukoll il-lajċi. Lil dawn ta' l-aħħar sejħilhom Aħwa Rġiel u Nisa tal-Penitenza.***



San Franġisk kien għażel il-ħajja ta' penitenza fil-bidu tal-konverżjoni tiegħu. F'waħda mill-kitbiet tiegħu, it-Testment, meta jitkellem dwar il-laqgħa tiegħu mal-lebbruż fl-1205, hu jgħid hekk:

**"Il-Mulej ta lili, fra Franġisk, il-grazzja li nagħmel penitenza."**

L-ewwel patrijiet, meta n-nies kienu jistaqsuhom min kienu, "**kienu jwieġbu bis-sempliċità li kienu penitenti ġejjin minn Assisi"** *(Leggenda dei tre compagni).*

San Bonaventura jikteb hekk dwar il-bidu ta' l-Ordni ta' l-Aħwa tal-Penitenza: **"Imħeġġa mill-predikazzjoni tiegħu, kienu ħafna dawk li ntrabtu bil-liġijiet il-ġodda tal-penitenza skond il-forma li wera l-bniedem ta' Alla. Il-qaddej ta' Kristu qatagħha li jsejjaħ din l-għamla ta' ħajja: l-Ordni ta' l-Aħwa tal-Penitenza. Dan l-Ordni jilqa' fih lil kulħadd: membri tal-kleru u lajċi, xebbiet u ġuvintur u miżżewġin ukoll, għax it-triq tal-penitenza hi l-istess għal dawk kollha li jridu jmorru l-ġenna."** (Ħajja ta' San Franġisk IV:6)

Fir-Regola mogħtija lill-Ordni Franġiskan Sekular mill-Papa Pawlu VI fl-1978, insibu spjegazzjoni ċara ta' kif għandha tkun il-ħajja ta' kull membru f'dan l-Ordni. Artiklu 6 ta' din ir-Regola jgħid hekk: **"Midfunin u mqajmin ma' Kristu fil-Magħmudija li tagħmilhom membri ħajjin tal-Knisja u marbutin b'akbar għożża magħha bil-Professjoni, għandhom ikunu xhieda u għodda tagħha fost il-bnedmin, billi jħabbru 'l Kristu bl-għemil u bil-kelma tagħhom."**

U Artiklu 7 ta' l-istess Regola jitkellem dwar il-penitenza. **"Bħala 'Aħwa tal-Penitenza, Irġiel u Nisa', bis-saħħa tal-vokazzjoni tagħhom, u mkaxkrin mill-qawwa tfur bil-ħajja ta' l-Evanġelju, għandhom iqabblu l-ħsieb u l-għemil tagħhom mal-ħsieb u l-għemil ta' Kristu. Dan isir bis-saħħa ta' bidla mill-qiegħnett li sseħħ fir-ruħ, li l-Evanġelju jsejħilha bl-isem ta' 'konverżjoni', li, minħabba li l-bniedem hu dgħajjef, trid issir kuljum. F'din il-mixja ta' tiġdid, is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni huwa sinjal l-aktar bnin tal-ħniena tal-Missier u għajn ta' grazzja."** •



# Irtir ta' l-Avvent

Se jsir irtir ta' l-Avvent organizzat mill-Kunsill Nazzjonali ta' Ordni Franġiskan Sekular. L-Aħwa li jixtiequ jattendu għandhom jinfurmaw il-Ministru tal-fraternità tagħhom. Dan l-irtir huwa miftuħ għal kulħadd. Min jixtieq jattendi u m'huwiex membru jista jċempel 2180 8172.

**BIDU: IS-SIBT 1 TA' DIĊEMBRU, FID-9.00AM.**

**TMIEM: IL-ĦADD 2 TA' DIĊEMBRU FL-4.30PM.**

**POST: DAR TA' L-IRTIRI "PORZIUNKOLA", BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ.**

# Membri Ġodda Professjoni Ħamrun

Fl-okkażjoni tal-festa ta' l-għoti tal-Pjagi ta' San Franġisk, fil-knisja tal-Patrijiet Minuri tal-Ħamrun, l-Erbgħa 12 ta' Settembru, saret il-professjoni waqt Quddiesa mmexxija minn Patri Ġużepp Beneditt Xuereb OFM. Doris Bezzina għamlet il-professjoni tagħha f'idejn il-ministru tal-Fraternità, Joyce Zammit. Għal din l-okkażjoni speċjali kien preżenti l-Ministru Nazzjonali ta' l-OFS, Godwin Vella Clark.

Matul l-istess Ewkaristija sar id-dħul fl-Ordni Franġiskan Sekular ta' seba' membri ġodda, li diġà għaddew minn sena ta' formazzjoni inizjali. Sena oħra jkunu jistgħu jerqsu, anki huma, għall-professjoni.



# Sensiela ta' 6 Laqgħat ta' Formazzjoni

Se jkun hemm sitt laqgħat ta' formazzjoni għal dawk li jixtiequ jsiru membri ta' l-OFS. Dawn huma miftuħa għal kull min jixtieq ikun jaf aktar dwar San Franġisk u l-Ordni Franġiskan Sekular. Dawn il-laqgħat se jsiru: **1. 13 t'Ottubru; 2. 3 ta' Novembru; 3. 1-2 ta' Diċembru; 4. 10 ta' Frar; 5) 1 ta' Marzu 2008 6) 5 t'April 2008.**

Il-laqgħat kollha jibdew fl-4 pm fil-Kunvent tal-Patrijiet Konventwali, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, minbarra l-Irtir ta' l-Avvent li se jsir fl-1-2 ta' Diċembru, Baħar iċ-Ċagħaq kif għidna fuq.

# Ċelebrazzjoni tal-festa ta' Santa Eliżabetta ta' l-Ungerija



Nhar il-Ġimgħa 16 ta' Novembru se tiġi ċċelebrata Ewkaristija solenni biex jiġi mfakkar it-800 anniversarju mit-twelid ta' din il-qaddisa. Din se ssir fil-knisja Franġiskana ta' Santa Marija ta' Ġesù, Triq San Pawl, ir-Rabat, fis-6pm. Kulħadd huwa mistieden.

# "Riskoperta" Fraternità OFS Fl-Imsida

Wara stedina għal attività f'okkażjoni tal-festa li saret mill-Kappillan lill-membri ta' l-OFS fl-Imsida, ġiet "riskoperta" din il-fraternità ta' l-Imsida, imwaqqfa mill-patrijiet OFM fl-1877, u għalhekk din is-sena jaħbat il-130 anniversarju mit-twaqqif tagħha.

Din il-fraternità baqgħet tiltaqa' regolarment, iżda kienet għadha m'hijiex fil-lista tal-fraternitajiet ta' l-OFS Nazzjonali. Din hija l-11 il-fraternità f'pajjiżna. Jekk xi ħadd għamel il-professjoni fl-OFS f'xi fraternità li m'għadhiex tiltaqa' jew li m'hijiex fil-Fraternità Nazzjonali għandu jċempel 21808172 għal aktar informazzjoni.



# Veru li x-xitan jagħtik kull ma titolbu?

**Veru li x-xitan, lil dawk li jikkonsagraw ruħhom lilu, huwa kapaċi jagħtihom dak kollu li jitolbuh? X'inhuma dawk l-affarijiet li ġeneralment jitolbu lix-xitan?**

Dawn huma: ġid materjali, poter, sess sfrenat, ħakma fuq l-oħrajn, unuri, suċċess, ħajja twila, vendetta minn xi ħadd li jkun weġġagħhom, saħħa fiżika u fakultajiet oħra fiżiċi 'l fuq minn normal u oħrajn... Xi wħud, mingħand ix-xitan ma rnexxielhom jiksbu xejn minn dan kollu li semmejna. Ħafna oħrajn imtlew bit-tama għaliex għall-ewwel irċevew xi ħaġa minn dak li talbu, imma mbagħad kollox waqaf hemm. Oħrajn, li huma 'l ftit, dehrilhom li l-ħajja tagħhom imbidlet kompletament: saru fortunati f'kollox, donnhom jirnexxu f'kull proġett u attività li jagħmlu, jirnexxielhom jiksbu poter u ħakma fuq l-oħrajn, il-ġid materjali ma jonqoshomx. Fi ftit żmien għamlu karriera, kisbu fama, suċċess, dħul finanzjarju, pożizzjonijiet soċjali ta' importanza. Imma x-xitan huwa 'missier il-gideb' u għalhekk dak li jagħtik huwa biss apparenti u għal ftit żmien. Huwa fil-fatt ma jistax jiggarantilek li dak li wegħdek, iwettqu. Jiġi mument li dak l-imperu li tant jidher kbir f'għajnejk jaqa' kollu f'daqqa u miegħu jfarrak lil dawk kollha li poġġew it-tama u l-fiduċja tagħhom fih!

Forsi xi wħud jistgħu jgħidulek: ***imma għaliex kultant nitlob lil Alla u donnu ma jismanix filwaqt li x-xitan jagħtik dak li titolbu?*** Tajjeb inżommu f'moħħna li x-xitan jagħtik dak li trid u mhux dak li għandek bżonn għax hu, fil-verità ma jimpurtahx minn ħajtek, imma għax għandu mibegħda lejk, irid biss ikissrek u permezz tiegħek jivvendika ruħu minn Alla, iweġġa' lil Alla. Dan bħal meta l-ġenituri jċaħħdu lil uliedhom minn xi ħaġa li jafu li tista' tagħmlilhom il-ħsara jew li għadu mhux il-waqt li jkollhom. Jekk it-tifel jirnexxielu jakkwista dak li jrid mingħand il-ħbieb tiegħu, jibda' jaħseb li l-ħbieb iħobbuh aktar mill-ġenituri tiegħu, li l-ħbieb jimportahom minnu aktar mill-ġenituri tiegħu u l-ħbieb huma b'saħħithom (finanzjarjament) aktar mill-ġenituri tiegħu. Imma fil-verità ma jkunx hekk. Dik li minn naħa tal-ħbieb tidher 'imħabba' ma tkun imħabba xejn għax dak li jagħtuh jista' jwassal biex jagħmillu ħsara għal saħħtu jew għal ħajtu.

Irridu nżommu f'moħħna li l-għan ewlieni tax-xitan huwa li jbeżża' u jħawwad l-erwieħ biex ikaxkarhom fid-disperazzjoni jew fid-dnub u biex iwassalhom fit-telfien ta' dejjem. Hu jaf li meta l-bniedem ibati ikun aktar faċli li jirribella kontra Alla u għalhekk jipprova jġiegħel lill-bniedem ibati permezz ta' wegħdiet fiergħa li ma jwasslu mkien ħlief għad-distruzzjoni tiegħu innifsu. Imma Alla qatt ma jabbanduna l-kreatura tiegħu f'ħalq ix-xitan u joffrilha l-mezzi kollha biex tirċievi l-għajnuna neċessarja ħalli tkun tista' tieqaf lix-xitan, tikkumbattih u tirbaħlu.



# It-Tarka u x-Xabla



## L-INĦIR NORMALI?

**Madwar terz ta' l-adulti jonħru waqt l-irqad. Dan jista' jkun ta' fastidju għal min ikun rieqed jew jipprova jorqod ħdejn min jonħor. Iżda l-implikazzjoni ta' l-inħir mhux din biss. L-inħir jista' jindika l-preżenza ta' xi kundizzjonijiet li jkunu moħbijin.**



Fil-parti l-kbira tan-nies, l-inħir jirriżulta meta, fi stat ta' rqad profond, il-muskolatura tas-saqaf tal-ħalq tintelaq u tibda' tferfer u tivvibra maċ-ċaqlieq ta' l-arja minn ġewwa l-ħalq u l-imnieħer. Dan l-effett jiżdied meta l-persuna tkun ħadet l-alkoħol.

Xi nies għandhom problema bit-tip ta' anatomija tal-ħalq u l-imnieħer. Jista' jkun li t-tonsilli jew l-adenojdi (glandoli ta' wara tal-ħalq u l-imnieħer) ikunu kbar u dawn ma jħallux l-arja tgħaddi bil-libertà. L-istess jiġri jekk il-laħam tal-imnieħer ikun imġenneb fuq naħa iktar minn oħra, jew ikun hemm nefħa jew laħam ħażin fl-imnieħer.

F'nies li għandhom ħxuna żejda, il-laħam żejjed jiġi rifless ukoll fl-anatomija tal-ħalq. Il-ħxuna tal-laħam fil-ħalq u l-gerżuma ta' nies qawwijin, jista' jirriżulta fl-inħir għax inaqqas il-wisgħa tal-pajp tan-nifs minn fejn tgħaddi l-arja.

Iżda waħda mill-kundizzjonijiet li ftit nies jafu biha hija dik li tissejjaħ Obstructive Sleep Apnea (OSA). F'din il-kundizzjoni, dawn il-fatturi li jikkawżaw djuqija fil-pajp tan-nifs, jikkontribwixxu għal ċerti sintomi u sinjali. Xi drabi, persuna bl-OSA tiġi nnutata li tieqaf tieħu n-nifs għal ammont ta' sekondi sostanzjali, tant li min ikun rieqed ħdejha jallarma ruħu, sakemm jara li n-nifs jerġa jirritorna.

Persuna li għandha l-OSA tista' tbati minn ngħas żejjed matul il-jum tant li tibda' torqod f'waqtiet li suppost tkun imqajma, anki quddiem nies oħra. Barra minn hekk, tista' tbati mill-pressjoni għolja, nuqqas ta' nifs, uġigħ ta' ras u problemi bil-memorja u l-konċentrazzjoni. Mingħajr kura, din il-kundizzjoni żżid ir-riskju ta' mard tal-qalb jew puplesija, u dawn jistgħu jkunu fatali.

Sabiex tkun ċert mid-dijanjosi ta' OSA, jeħtieġ isir Sleep Study fejn il-persuna jsirilha test waqt li tkun rieqda gewwa klinika speċjali.

## IT-TARKA

- *Persuni li jonħru ħafna għandhom jaraw lit-tabib tagħhom sabiex jaraw jekk tistax tinstab il-kawża u tistax issir xi forma ta' terapija.*
- *Jekk int tonħor, ikkontrolla l-piż, evita li tixrob l-alkoħol speċjalment qabel tidħol torqod u meta torqod, ipprova orqod fuq il-ġenb.*

## IX-XABLA

- *F'dawk li l-OSA hija iktar qawwija, tista' titqabbad magna li tagħti n-nifs ma' l-imnieħer waqt l-irqad. Dan jgħin sabiex il-pajp tan-nifs jinżamm miftuħ. Din il-kura hija effettiva u tnaqqas ir-riskji li ġġib magħha l-OSA.*
- *Mediċina tista' tingħata lil dawk li jibqgħu jkollhom ngħas żejjed u jorqdu faċilment waqt il-jum.*
- *Xi wħud jistgħu jsirilhom operazzjoni, iżda din it-tip ta' kura s-soltu hija inqas effettiva.*

**Nixtiqilkom is-saħħa.**

***Jekk għandek xi diffikultà fuq xi informazzjoni li sibt f'dan l-artiklu, ikun siewi li tkellem it-tabib tiegħek sabiex tiċċaraha.*** •




# META T-TOBBA SARU TERRORISTI!

**Dak li rajna f'Londra u Glasgow f'Ġunju li għadda poġġa lit-tobba fil-lenti tal-midja. Dak in-nhar bomba kbira tpoġġiet f'karozza f'Piccadilly Circus u karozza bomba oħra tħalliet ftit 'il bogħod biex dawk li jeħilsuha mill-ewwel splużjoni ilaqtuha mit-tieni waħda. B'xorti tajba l-ebda waħda minn dawn il-bombi ma ħadet. Kieku laħqu splodew kienu jagħmlu ħerba sħiħa b'ħafna nies mejta u feruti. Il-ġurnata ta' wara kellna żewġ irġiel li pprovaw isuqu van mimli petrol fl-entratura ta' l-ajruport ta' Glasgow. Wieħed minn dawn ta n-nar lilu nnifsu u wara nqabad flimkien ma' l-ieħor mill-pulizija. Mill-evidenza li sabu f'dawn il-karozzi l-pulizija irnexxielhom jarrestaw sitta minn nies oħra.**

Dan l-attentat, att terroristiku, ħa xejra differenti peress li dawk suspettati ma kinux fil-lista tal-pulizija u iktar minn hekk sebgħa minnhom kienu tobba li qatt ma kienu xelfu difirhom mal-pulizija, anzi kienu jaħdmu fi sptarijiet fl-Ingilterra. L-aħħar wieħed kien jaħdem f'laboratorju fl-Iskema Nazzjonali tas-Saħħa wkoll. Għalhekk tistgħu taħsbu kemm il-midja Ingliża għamlet kapital u ġabet titli kbar li jagħtu impressjoni ħażina tat-tobba. Fost dawn it-titli insibu: **"Tobba tal-Mewt"**, **"Tobba tal-Gwerra"**, **"Mediċina tal-Mewt"** u titli oħra simili. Fost kummenti kontra t-tobba ta' min jinnota dan: **"Dawk li jikkurawk joqtluk"**. Kemm hija kbira din l-infiltrazzjoni ta' dawn it-terroristi fis-sistema tas-saħħa Ingliża għadu kmieni biex tgħid, imma l-ikbar xokk kien li l-qasam tas-saħħa huwa diġà nfiltrat minn dawn it-terroristi, nies li qatt ma tistenna li huma hekk. Din il-ħaġa għall-ewwel kienet ta' xokk kbir u ma titwemminx.

Għall-Ingilterra din kienet xi ħaġa kbira għax dan il-pajjiż għandu tradizzjoni li jilqa' fih nies minn kull pajjiż u li jingħataw l-opportunità u l-mezzi kollha

biex javvanzaw fil-qasam tagħhom kemm ta' edukazzjoni u kemm ta' xogħol. Ċerta l-libertà wasslet biex jinħolqu bejtiet ta' terroristi anki fost dawn l-istess persuni li sabu l-futur tagħhom fl-Ingilterra. Bil-għemil faħxi li kienu se jikkommettu wrew l-ingratitudni tagħhom u l-moħħ fanatiku li għandhom. Iżda dan il-fenomenu ta' terroriżmu minn tobba mhux xi ħaġa ta' llum. Tabib famuż Egizzjan li kien terrorista fis-snin tmenin huwa George Habash. Dan kien il-fundatur tal-Front għall-Ħelsien tal-Palestina u l-bniedem li kien wara l-ħtif ta' l-ajruplani mill-Grupp Settembru l-Iswed. Ta' min jgħid li George Habash kellu ħuh kirurgu li kien għamel xi żmien jaħdem fl-isptar San Luqa waqt l-istrajk tat-tobba. Sa fejn hu magħruf, dan iżda ma kellu x'jaqsam xejn mal-PLO jew xi tip ta' terroriżmu. Fil-fatt huwa kien kirurgu tajjeb ħafna mħarreġ l-Ingilterra, kien miżżewweġ Ingliża u kien jgħix fl-Ingilterra wkoll. Tabib ieħor li kien waqqaf l-Ġiħad Islamika kien Mohammed al-Hindi li kien ikkwalifika bħala tabib fil-Kajr fl-1980 u wara mar lura f'Gaża pajjiżu. In-numru tnejn u kelliem ta' l-Al Qaeda, Ayman al-Zawahri, huwa wkoll kirurgu.

Is-sehem ta' dawn it-tobba f'dan l-attentat terroristiku kien ta' daqqa ta' ħarta għall-komunità Islamika fl-Ingilterra li mill-ewwel ikkundannat dan il-att. Dan kien attentat li ssorprenda lil kulħadd u mil-lum 'il quddiem se jsir iktar skutinju ta' dawk it-tobba kollha barranin speċjalment Musulmani li qed jaħdmu l-Ingilterra jew li japplikaw biex jaħdmu fil-futur.

Iżda mhux it-tobba Musulmani biss huma msieħba mat-terroristi. Ta' min isemmi dak it-tabib Ġappuniż, Ikuo Hayashi, li kien il-moħħ wara l-attakk ta' gass velenuż, sarin, f'subway f'Tokjo fl-1995. F'dan l-attakk terroristiku kienu mietu tnax u weġġgħu madwar ħamsin persuna oħra. Ikuo Hayashi kien tifel ta' tabib u kien speċjalista tal-qalb. Wara l-attakk huwa kien ħarab u nqabad tmintax-il xahar wara u kien ikkundannat għall-mewt, imma kien appella mis-sentenza.

Fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija wieħed irid isemmi dawk it-tobba fi żmien in-Nażiżmu li kienu jikkoperaw mar-reġim ta' Hitler u jwettqu atti terribli fuq il-Lhud fosthom esperimenti u qtil tal-massa. Dawn it-tobba tal-mewt kienu kkundannati u xi wħud minnhom laħqithom il-ġustizzja. Iktar riċenti kulħadd jiftakar il-gwerra tal-Jugoslavja. Wieħed mill-mexxejja tas-Serbi kien Radovan Karadžic li llum huwa mfittex mill-Qorti Internazzjonali ta' The Hague għall-ġenoċidju u atti ta' terroriżmu li kien wettaq bejn is-snin 1992 u 1995 fi Srebrenika. Barra li kien politiku u mexxej huwa kien psikajtra u poeta.




Il-mistoqsija tiġi waħeda. Xi jwassal lil dawn in-nies biex isiru terroristi? L-ewwelnett biex tkun mexxej ta' kwalunkwe organizzazzjoni kemm leġittima u kemm kriminali trid tkun qalbieni, intelliġenti u kapaċi. Aħna nafu li dawn il-kwalitajiet jinsabu f'ħafna tobba u nies professjonisti oħra bħal avukati, enġiniera u lekċerers. Għalhekk mhix xi ħaġa stramba li anki tobba jsiru mexxejja ta' gruppi estremisti kif ukoll Prim Ministri, diplomatiċi u kapijiet ta' organizzazzjonijiet differenti.

Naturalment, wieħed ikompli jistaqsi, **"Imma għaliex jaslu biex ikunu propju terroristi?"** L-ambizzjoni u l-kilba għall-poter huma żewġ fatturi li huma neċessarji. Iżda forsi l-iktar fattur importanti hija l-ideoloġija li dawn iħaddnu u li akkost ta' kollox ikunu jridu iwettquha. Bħala tobba huma normalment ikun nies altruwisti, jgħinu lill-marid billi jaħdmu f'kampijiet tar-refuġjati, f'żoni tal-gwerra, u f'sitwazzjonijiet diffiċli. L-idealiżmu li jkollhom jwassalhom biex jippruvaw itejbu l-ħajja ta' ħuthom mhux biss billi jikkurawhom, imma billi politikament imexxuhom kontra politikanti oħrajn u gvernijiet inġusti u li jkunu naqqsulhom mil-libertajiet tagħhom u ma' jtuhomx d-drittijiet tagħhom. Jiġri li minflok ma jwettqu din il-bidla b'azzjoni politika normali permezz ta' sistemi demokratiċi, huma jieħdu l-liġi f'idejhom u permezz ta' atti terroristi jippruvaw ibiddlu dak li ma jogħġobhomx. Hawn is-sens tar-raġuni jintilef u huma jużaw r-reliġjon jew l-ideoloġija li jħaddnu bħala skuża biex jiġġustifikaw għemilhom. Għalihom kollox isir ġustifikat u moħħhom ma jibqax raġunevoli iżda jiddallam u jara biss naħa waħda tal-problema. Meta jintilef is-sens tar-raġuni u tpoġġi ideoloġija jew reliġjon bħala l-bażi ta' l-azzjonijiet tiegħek allura int tasal tagħmel kollox basta tasal fejn trid. Dan huwa l-estremiżmu ta' dawn il-gruppi li qatt ma jista' jkun ġustifikat. It-terroriżmu tagħhom qed iwassal għal mibegħda bejn il-punent u d-dinja Musulmana. Dan il-fenomenu qed iqajjem rasu u jħalli konsegwenzi kbar fuq id-dinja kollha. •

# PELLEGRINAĠĠ LI MA NINSA QATT!



**F'Awissu mort pellegrinaġġ l-Italja flimkien ma' grupp kbir ta' żgħażagħ mill-Mixja Neo-Katekumenali. Kienet esperjenza u memorjal f'ħajti li ma ninsa qatt.**

Fost il-postijiet qaddisa li żorna kien hemm La Verna, il-knisja tal-Volto Santo (il-Wiċċ Imqaddes ta' Ġesù), il-knisja dedikata lil San Ġwann Battista, kif ukoll il-medda t'art enormi fejn stennejna ż-żjara tal-Papa Benedittu. Kienet esperjenza sabiħa ferm b'ħafna frott spiritwali.

Fuq La Verna hemm knisja sabiħa li jieħdu ħsiebha l-patrijiet Franġiskani Minuri. Hemm stajna nitolbu u nirriflettu bl-għajnuna tal-qaddis Franġisk dwar dak li tassew jiswa u jagħti l-ħajja – li tgħix l-Evanġelju u li ġġorr is-salib tiegħek (li tkun dejjem fir-rieda t'Alla). Filwaqt li rajna l-post fqajjar u umdu fejn kien jorqod il-qaddis, stajna permezz tal-qari ta' l-Iskrittura nidħlu fil-profond tal-Kelma ta' Alla. Il-pajsaġġ ħadrani u mimli ħajja kompla jgħin biex wieħed jidħol fil-preżenza t'Alla b'mod personali.

Il-laqgħa mal-Papa f'Montorso, Loreto, kienet waħda li ma ninsa qatt. Waqt il-velja tas-Sibt, stajt nisma' kant sabiħ li fakkarni f'meta kont mort għall-Ġurnata Dinjija taż-Żgħażagħ f'Ruma fl-2000. Dik id-darba kienet l-ewwel esperjenza tiegħi f'pellegrinaġġ simili, fejn stajt niltaqa' mal-Papa Ġwanni Pawlu II u nisma' l-kliem għaref tiegħu, flimkien ma' eluf u eluf ta' żgħażagħ oħra ġejjin mid-dinja kollha. Il-kant li missli qalbi kien 'Emanuel', id-diska uffiċjali tal-Ġurnata Dinjija taż-Żgħażagħ ta' dik is-sena. Ġeddidt ħafna memorji sbieħ u rġajt ftakart fl-imħabba u fil-fedeltà t'Alla minkejja d-dnub u l-infedeltajiet tiegħi.



Il-velja mal-Papa kienet imżewqa b'murtali tal-kulur, kant u mużika minn kantanti popolari Taljani, bħal Boccelli, Baglioni u Dalla, fost oħrajn. Kien hemm atmosfera li ma ninsa qatt. Laqtuni ħafna l-esperjenzi li xi żgħażagħ qasmu ma' l-ET dwar il-ħafna tbatijiet li ż-żgħażagħ jgħaddu minnhom minħabba t-tkissir taż-żwiġijiet tal-ġenituri tagħhom u l-mentalità żbaljata li huma qegħdin jirċievu mill-midja u mis-soċjetà ta' llum.

Issemmew fost l-oħrajn id-dritt li l-mara taħseb li għandha li tagħmel abort, l-idea li kollox jgħaddi bi skuża ta' tolleranza, kif ukoll il-fallimenti taż-żwiġijiet u l-ġustifikazzjoni ta' koppji li jikkoabitaw kif ukoll bejn nies ta' l-istess sess. Il-Papa tana, bħal dejjem, messaġġ ta' tama u kuraġġ, u ħeġġiġna biex inkomplu nkunu sinjal ta' Ġesù Kristu f'soċjetà sekularizzata u materjalista. Huwa kellimna wkoll dwar l-urġenza li nwasslu l-Bxara t-Tajba lil ħafna nies li jinsabu fid-dlam tad-dnub u qed ibatu ħafna.

Persuna ċentrali ta' dan il-pellegrinaġġ kienet, bla dubju ta' xejn, Marija. Minħabba li l-laqgħa mal-Papa saret f'Loreto, fejn insibu d-dar tal-Madonna, ħafna mit-talb u l-attivitajiet kienu jduru madwar din l-Omm tant ħanina. Hija dawl għalina lkoll biex niskopru u nwettqu r-rieda ta' Binha f'ħajjitha. Hija dejjem teħodna għand Binha u tkompli tħeġġiġna bil-kliem – **'Agħmlu dak li jgħidilkom hu.'**

Nista' ngħid li llum, żmien wara dan il-pellegrinaġġ, inħoss terġa' tixgħel fija din il-ħeġġa u x-xewqa li nagħti xhieda ta' Ġesù Kristu billi ngħix ħajti għal dak li tassew jiswa – Ġesù Kristu u l-Aħbar it-Tajba tiegħu. •





# ĠESÚ F'ĦAJJITNA

**Darba kowċ tal-futbol kellu l-isfortuna li jinfaqagħlu tajer tal-karozza fi triq mimlija traffiku meta kien sejjer il-klabb biex imexxi l-plejers tiegħu f'logħba ta' ħbiberija. Naturalment kellu jieqaf u, bl-għajnuna ta' nies oħrajn, neħħa l-karozza minn nofs tat-triq biex ikun jista' jibdel ir-rota.**

Dan il-proċess ħa ċertu żmien. Dak iż-żmien ma kienx hawn mobile phones u l-povru kowċ ma satgħax iċempel biex jinforma lil tal-kumitat x'kien inqalagħlu bil-konsegwenza li dawn, flimkien mal-plejers, kellhom jitilqgħu biex jonoraw il-fixture ll-kowċ wasal fejn kellha tintlagħab il-logħba xi kwarta wara l-bidu tagħha u sab li t-tim tiegħu minn taħt b'gowl wieħed u bħall-ħmar kellu jistenna sal-ħin tal-mistrieħ biex ikun jista' jagħti l-istruzzjonijiet li kellu jagħti qabel il-logħba. Il-partita kompliet bit-tieni nofs tagħha u t-tim ta' dan il-kowċ ħareġ rebbieħ bl-iskor ta' 2-1.

Dan l-episodju gie f'moħħi dan l-aħħar, meta kont qed naqra il-kapitlu sitta skond San Ġwann meta Ġesù mexa fuq il-baħar. San Ġwann jgħidilna li, **"X'ħin sar il-ħin filgħaxija, id-dixxipli tiegħu niżlu ħdejn il-baħar, lejn Kafarnahum. Kien ġa dalam u Ġesù kien għadu ma ġiex jilħaqhom. Il-baħar kien qam sewwa għax kien jonfoħ riħ qawwi. Mela wara li kienu qadfu ħamsa u għoxrin jew tletin stadju (xi sitt kilometri) raw lil Ġesù riesaq lejn d-dgħajsa u beżgħu. Imma hu qalilhom: "Jiena hu la tibżgħux". Għalhekk riedu jtellgħuh fuqid-dgħajsa, iżda minnufih id-dgħajsa messet l-art fejn kienu sejrin".**

Naħseb li Ġesù, bħall-kowċ li semmejt, inqalalu xi ħaga u ma satgħax jasal fil-ħin. Id-dixxipli telqgħu, ma stennewhx jasal. Inqabdu fl-Inkwlet; Ġesù malajr mar jagħti l-għajnuna. Ħafna drabi aħna nagħmlu bħad-dixxipli u mingħajr parir ta' ħadd nibdew fuq xi xogħol, anki xogħol spiritwali. Meta neħlu jew niltaqgħu ma' xi saram nibdew nibżgħu. Imbagħad niftakru f'Ġesù u nibdew nitolbu. Il preżunzjoni tagħna kultant tkun tant kbira li naħsbu fil-kapaċitajiet tagħna biss u li huma biżżejjed biex nirnexxu f'dak li nkunu nagħmlu.

Meta kont għadni tfal, il-ġenituri tagħna kienu għallmuna li qabel nibdew xi ħaġa, tkun xi tkun, inroddu s-salib u nitolbu 'l Alla jgħinna. Jiddispjaċini ngħid li din id-drawwa kważi spiċċat għal kollox. Lil Alla sirna niftakru fih biss f'xi gwaj, il-bqija ninsewh. M'iniex ngħid li ma fadalx nies li għal inqas iroddu salib qabel ma jibdew dak li jkunu se jagħmlu, imma, dawn saru ftit ħafna.

Bħal mal-plejers tal-futbol ma jilgħabux tajjeb mingħajr l-istruzzjonijiet tal-kowċ hekk ukoll aħna, ma nistgħux nagħmlu l ġid jekk inħallu 'l Alla barra mix-xogħol tagħna. Hu biss jista' jispirana b'dak li għandna nagħmlu u jekk ma noqogħdux fuq l-ordnijiet li jagħtina żgur li niżgarraw. Ġesù għandu jkun il-kowċ u l-qoţol tagħna biex ħajjitna tista' tkun ta' ġid għalina u għal ta' madwarna. •



**Patri, jiena raġel miżżewwweġ ta' ċerta età. Matul iż-żwieġ tagħna kellna diversi wlied, imma wild minnhom ġie fiżikament disabilitat. Din il-ħaġa l-mara u jien ħadniha minn idejn Alla u dejjem għamilna mill-aħjar li stajna biex lil dan il-wild nħobbuh. Issa ġara li l-mara tant saret affezzjonata miegħu, li saret moħħha fih biss. Lili qiegħda tittraskurani. Minħabba f'hekk, qed insib ruħi f'ċerti sitwazzjonijiet kritiċi mill-aspett morali, u ġieli ċedejt naturalment mhux billi qlibthielha – ħaġa li lanqas biss taħbatli ma' moħħi. Dak li qed jiġrili qiegħed jikkonfondini u ma nixtieqx nibqa' sejjer hekk, għax inħoss lifiż-żwieġ tiegħi rrid nibqa' subgħajja dritt m'Alla. Imma jiena raġel u d-drittijiet tiegħi la miżżewwweġ inħoss il-bżonn tagħhom. F'sitwazzjoni bħal din, kif irrid inġib ruħi, ħalli ma nidneb bl-ebda mod fiż-żwieġ tiegħi?**

***Patri William iwieġeb…***

*Fil-ħajja pastorali niltaqa' ma' nisa li jintrefgħu minn żwieġhom minħabba raġunijiet bla sens. Dawn jagħmlu l-ħajja ta' żwieġhom diffiċli ħafna mill-aspett sesswali. Il-mara tiegħek, iżda, infatmet minnek minħabba raġuni ma ngħidx valida, imma komprensibbli hawnhekk trid tifhem l-istint matern tagħha. Trid tifhem ukoll il-fatt li problemi ta' dik l-għamla fil-familja, barra li jġibu l-għaja, fl-istess ħin, jistgħu joħolqu wkoll disinteress fid-dmirijiet ta' koppja miżżewġa. Ngħiduha kif inhi, is-sitwazzjoni li nħolqotilkom m'hiex faċli. Min jaf kemm teħdilha ħin biex tieqaf persuna diżabilitata, taħsilha u tagħmlilha l-bżonnijiet l-oħra kollha.*

*Dan il-kuntatt kontinwu jorbotha iżjed ma' binha diżabilitat/bintha diżabilitata, għalkemm psikoloġikament ma jaqblilhiex tintrabat daqshekk miegħu/magħha għall-ġid tagħha stess u ta' l-istess wild. Madankollu l-mara trid tkun kapaċi tifhem ukoll li hija għandha raġel u trid tieħu ħsiebu, inkella fil-ħajja tiegħu jibdew juru ruħhom problemi oħra li jkomplu jtaqqlu l-ħajja tiegħu mhux biss psikoloġikament minħabba li l-wild ġie kif ġie, imma anki spiritwalment u moralalment. Hawn persuni miżżewġin li problemi ta' din il-kwalità jagħtuhom hewwa iżjed minn problemi ta' natura oħra. Iva, hawn min hu sensittiv ħafna għal ċerti debolizzi morali fiż-żwieġ konsegwenza ta' ċertu mard fil-ħajja tat-tfal li jnessi lil ommijiet minn dmirijiethom lejn l-irġiel tagħhom.*

*Naħseb li dak li trid tagħmel huwa dan: titkellem mal-mara, turiha bid-diffikultà tiegħek u titlobha tgħinnek, billi tagħmel ftit sagrifiċċju u lilek ma tabbandunakx għalkollox. Qabel dak li ġara fil-familja tagħkom il-ħajja intima tiegħek u ta' martek żgur kienet sodisfaċenti. Issa nħolqot sitwazzjoni ġdida li titlob soluzzjoni oħra. Kieku ħafna nisa jafu kemm relazzjonijiet fiż-żwieġ huma ta' fejda anki għalihom, basta jsiru bi skopijiet umani u qaddisa min-naħa ta' żwieġhom, kieku jsiru kapaċi jirrimedjaw anki meta jinqalgħu problemi fil-familja li jixbħu lil tiegħek.*

*Ma ngħidlekx li moralment m'hu qed jiġri xejn fil-ħajja miżżewġa tiegħek, imma Alla l-imbierek jifhem is-sitwazzjoni li tinsab fiha u mhux se jiġġudikak bħalma jiġġudika raġel miżżewwweġ li qed jagħmel l-istess nuqqasijiet meta m'għandux problemi serji bħal tiegħek fiż-żwieġ tiegħu.*

*Jekk il-mara ma tkunx tista' tifhmek, saħħaħ il-ħajja spiritwali tiegħek u mbagħad ħalli f'idejn Alla. Tagħmel ħaġa tajba jekk issib saċerdot li kapaċi jifhem il-każ tiegħek, tibda tqerr għandu u toqgħod kif iqegħdek. Għandek issibu żgur u bil-mod kif imexxik żgur iserraħlek rasek mill-aspett morali.* •

# IŻ-ŻGĦAŻAGĦ TAL-GI.FRA... DAWN MIN HUMA?




**Nimmaġina li ħafna mill-qarrejja ta' "Dawl Franġiskan" kemm-il darba jistaqsu lilhom infushom: "Dawn iż-żgħażagħ min huma u x'jagħmlu biex għandhom paġna f'din ir-rivista?" Aħna żgħażagħ ta' bejn it-tmintax u t-tletin sena li niltaqgħu f'Ċentru ħdejn il-kappella ta' Lourdes, il-Kapuċċini tal-Furjana, minn ta' l-anqas darbtejn f'ġimgħa – it-Tnejn u l-Ħamis, u li flimkien naqsmu diversi mumenti minn ħajjitna bħala Gi.Fra.**

Forsi hawn min qed jistaqsi il-kelma Gi.Fra. xi tfisser? Il-'Gi.Fra.', li fil-qosor tfisser ***Gioventù Francescana***, għaqda jew fraternità ta' żgħażagħ li oriġinat l-Italja, li lesti jippruvaw jgħixu ħajja nisranija fid-dawl ta' l-Evanġelju kif għexha San Franġisk t'Assisi. Aħna grupp magħmul minn persuni differenti, kemm tfajliet kif ukoll ġuvintur, però bl-istess ideal u motivazzjoni li jgħaqqduna lkoll flimkien. Aħna niltaqgħu mhux biss għax aħna ta' l-istess età, imma għax konvinti li nistgħu nimxu flimkien fuq il-passi ta' Ġesù.

Bħal f'kull mixja, anki f'din il-fraternità nesperjenzaw id-diffikultajiet u t-toqol li jagħmlu parti minnha, biss nipparteċipaw bix-xewqa li naqsmu dak li għandna billi **"nagħtu dak li naqilgħu"**, l-istess bħall-fqajjar t'Assisi. Danakollu ma jfissirx monotonija ta' ħajja. Anzi l-kontra! Il-missjoni ta' kull żagħżugħ u żagħżugħa fil-Gi.Fra. hi li nippruvaw nagħmlu l-almu tagħna sabiex ngħixu ħajja xierqa billi ngawduha mill-aħjar li nistgħu, filwaqt li nżommu quddiem għajnejna li Alla biss hu l-iskop ewlieni, uniku u aħħari ta' ħajjitna. Il-qofol ta' dan kollu nilħquh bil-laqg]at reliġjużi li jkollna matul kull xahar. Iż-żgħażagħ stess jingħaqdu fi gruppi jew individwalment u jippreparaw laqgħat għal sħabhom il-membri l-oħrajn; laqgħat bħal adorazzjonijiet, laqgħat ta' talb, *bible sharing*, *community building* u oħrajn. Jiġu wkoll kelliema minn barra ċ-Ċentru, kemm reliġjużi kif ukoll nies li f'ħajjithom ikunu esperjenzaw il-qawwa ta' Alla, u miġburin flimkien jagħtuna l-esperjenza tagħhom. Ta' min isemmi wkoll il-Live In's li jkollna matul is-sena – wieħed isir fir-Randan u ieħor fl-Avvent; esperjenza li lilna ż-żgħażagħ tagħmlilna differenza f'ħajjitna!

Ma rridx ninsa l-aspett l-ieħor tal-laqgħat. Forsi hawn min qed jistaqsi, imma dawn laqgħat reliġjużi biss ikollhom? Il-laqgħat tagħna jvarjaw minn laqgħat soċjali u laqgħat ta' formazzjoni għal attivitajiet ma' gruppi u għaqdiet oħra. Huma diversi l-attivitajiet li norganizzaw - *hikes*, *barbecues*, ikliet, *treasure hunts*, xi logħba futbol u, għaliex le? kultant xi disco wkoll... fuq kollox aħna żgħażagħ. Nagħmlu wkoll attivitajiet ta' fund raising matul is-sena biex bis-saħħa tal-flus li niġbru nkunu nistgħu nixtru apparat jew affarijiet oħra li jgħinuna matul il-laqgħat. Is-sajf ingawduh ilkoll flimkien b'xi ġurnata ħdejn il-baħar fi tmiem il-ġimgħa u għall-ħabta t'Awissu nqattgħu tlett ijiem sħaħ fil-gżira ta' Għawdex; esperjenza oħra li tgħinna ngħixu flimkien fi spirtu Franġiskan. Dan kollu hu possibbli bil-ħila tal-membri li jattendu u fuq kollox ta' l-assistent spiritwali li jkollna magħna. Għal dan nixtieq nirringrazzja lil Br Antoine Ebejer OFMCap taż-żmien li għamel magħna bħala assistent spiritwali u nagħmel kuraġġ lill-assistent spiritwali l-ġdid Br Vincent Axiaq OFMCap. Inwiegħduk it-talb tagħna ħalli fiż-żmien li se tagħmel magħna ż-żgħażagħ, tħalli l-frott mixtieq.

L-aħħar kelmtejn se nħallihom lilkom li qed taqraw dan l-artiklu. Jekk intom żgħażagħ bejn it-tmintax u t-tletin sena jew forsi tafu b'xi oħrajn ta' din l-età, issa hi l-opportunità ta' ħajjitkom. Dan il-grupp jgħinkom biex tesperjenzaw aktar il-qawwa t'Alla bis-saħħa ta' San Franġisk, kif ukoll biex tikbru soċjalment ma' żgħażagħ oħrajn li flimkien jaqsmu kemm il-mumenti sbieħ kif ukoll il-mumenti diffiċli li toffri l-ħajja. Forsi l-ewwel pass dejjem ikun diffiċli, imma nagħtikom garanzija li ż-żgħażagħ li se ssibu fiċ-Ċentru se jagħmlulkom dan il-pass veru faċli u wara li tagħmlu dan il-pass, tibqgħu tgħożżuh għal dejjem. Inħeġġiġkom ukoll biex iżżuru l-website tagħna fuq **www.gifrafloriana.com** •

# REĠĠĦU GĦAMLUHA!

**L-istorja kollha bidet daqs tliet snin ilu. It-tlieta li huma ħassew xi ħaġa ġewwa fihom li ma kellhomx kontroll fuqha, li bdiet timbutthom biex ifittxu xi ħaġa iżjed fil-ħajja nisranija tagħhom. Irreżistewha kemm felħu, iżda kollu kien għalxejn, għax din il-ħaġa aktar damdmithom. Mingħajr ma kienu jafu, it-tlieta li huma, kważi fl-istess żmien, bdew mexjin għall-istess direzzjoni. Iżda ħaġa ta' l-għaġeb! Għalkemm minn toroq differenti, waslu biex ħabbtu l-istess bieb – dak tal-kunvent tal-patrijiet kapuċċini tal-Kalkara.**



Iva, dawn it-tliet żgħażagħ, bħal diversi żgħażagħ ta' qabilhom reġġħu għamluha! Irnexxielhom isibu dak li kien qiegħed jitlob minnhom Alla! Ma kienx dejjem faċli! Però x'hawn fil-ħajja li hu faċli jekk mhux l-għażż! Tassew li fihom seħħet il-Kelma ta' Ġesù għax ma ħarsux lura mid-deċiżjoni li kienu ħadu daqs sena ilu, meta bdew iż-żmien ta' prova tagħhom fil-kunvent tal-Kalkara. Tassew, il-ħolma li kellhom, bdiet issir realtà ftit ftit. Issa fl-14 ta' Settembru ta' din is-sena, huma bdew is-sena tan-novizzjat li ħadithom barra minn xtutna – ġewwa Camerino, l-Italja, biex hekk issa jidħlu fil-qiegħ tal-ħajja Kapuċċina.

Dawn it-tliet żgħażagħ huma **Frederick Scerri mill-Marsa**, **Bertrand Vella minn Tarxien** u **Francesco Callus minn Naxxar**. Dak in-nhar li ħadu ċ-ċoqqa kapuċċina, minn idejn il-mastru tagħhom, Patri Giuseppe Settembri, kien mument ta' ferħ kbir għalihom, għal sħabhom in-novizzi, u m'għandniex xi ngħidu għalina lkoll, li konna preżenti: il-Provinċjal Fr Joe Alessandro, Br Dennis Calleja, Fr Franco Fenech, u Fr Joseph Giuliano! Il-kappella ċkejkna tal-kunvent, li konna miġbura lkoll fiha, kienet mimlija daqs bajda bil-patrijiet li ħanquha, ġejjin minn kull naħa ta' l-Italja. Kien hemm sens kbir ta' għaqda u ferħ li wara kollox hija dik li tiddistingwina bħala patrijiet kapuċċini. Alla qatt ma jsejjaħ lil xi ħadd biex ikun imdejjqa! Il-vokazzjoni hija dejjem sejħa għall-ferħ li wara kollox huwa wieħed mill-frottijiet ta' l-Ispirtu s-Santu (Gal.5:22).

Issa diġà għaddew kważi xahrejn minn meta bdew is-sena tan-novizzjat tagħhom! Mill-sms's u l-emails li nircievu, jgħidulna li ż-żmien qed jgħaddi qisu ħolma u li kuljum hija esperjenza ġdida! Iva tassew, it-triq tal-Mulej hija dejjem kreattiva – dejjem hemm x'tiskopri fik, fih u fit-triq li twasslek biex xi darba titltaqa' miegħu wiċċ' imb'wiċċ għal dejjem. San Franġisk kien iħobb jgħid lill-patrijiet: li aħna wegħdna ħwejjeġ kbar lil Alla, iżda huwa jwegħdna ħwejjeġ akbar! Lil Alla ħadd ma jgħaddih f'imħabbtu, għalkemm San Franġisk kważi laħqu għax spiċċa bil-pjagi bħal Ibnu!

Dil-biċċa ta' dawn it-tlieta mhix se tieqaf hawn! Minn naħa tiegħu Alla lanqas mhu se jaqta' nifsu! Żgur li huwa wkoll se jerġa' jagħmilha! Alla ma jieqaf qatt li jsejjaħ żgħażagħ qalbiena biex ikunu full-timers fl-għalqa tiegħu. U dawn, **"jerġġħu jagħmluha!"** •



Siltiet tal-Papa Benedittu XVI

# SIDNA ĠESÙ KRISTU U L-KNISJA LI FADA F'IDEJN L-APPOSTLI



Bla dubju ta' xejn Żmien il-Għid ta' matul is-Sena Liturġika tal-Knisja hu żmien mill-aktar importanti għaliex matulu nkunu nistgħu nirriflettu bis-sħiħ dwar il-misteru tar-relazzjoni ta' Sidna Ġesù Kristu u l-Knisja fid-dawl ta' l-esperjenza ta' l-Appostli nfushom u l-ħidma li kienet ġiet fdata f'idejhom. U dan, min-naħa tagħna, naħsbu li ma nistgħux nkunu mmexxija aħjar biex nifhmuh jekk mhux mill-Q.T. il-Papa Benedittu XVI li, minn żmien għal żmien, jagħtina katekeżi ġdida matul l-udjenzi ġenerali li jkollu f'Misraħ San Pietru.

Punt ferm interessanti li jqajjem il-Qdusija Tiegħu hu l-fatt li l-messaġġ ta' Ġesù qatt ma jkun mifhum jekk jiġi mifrud mill-kuntest tal-fidi u t-tama tal-poplu magħżul tiegħu għax Ġesù wera lilu nnifsu qabel kollox lil Iżrael biex jiġborhom flimkien fiż-żmien eskatoloġiku li kien wasal miegħu. It-tagħlim ta' Ġesù, bħal ta' Ġwanni, huwa kemm sejħa ta' grazzja u anki sinjal ta' kontradizzjoni u ħaqq għall-poplu kollu ta' Alla. L-għażla tat-Tnax-il Appostlu, numru li jfakkar fit-tnax-il tribù ta' Iżrael, turi t-tifsira profetika-simbolika possibbli fl-istituzzjoni l-ġdida. Huwa jintroduċihom għall-ħajja ta' komunjoni miegħu u jagħtihom sehem mill-missjoni tiegħu li jħabbru s-Saltna. Fl-istess waqt jurihom li ż-żmien kien wasal li l-wegħdiet ta' Alla jseħħu. Benedittu XVI ikompli jgħallimna li t-Tnax-il Appostlu huma l-aktar sinjal ċar tar-rieda ta' Ġesù fejn għandha x'taqsam l-eżistenza u l-missjoni tal-Knisja tiegħu, il-garanzija li m'hemmx kuntrast bejn Kristu u l-Knisja. Hawnhekk il-Papa jfakkarna kemm ma kienet taqbel xejn mal-ħsibijiet ta' Kristu dik l-għajta ta' ftit snin ilu: **"Iva għal Ġesù, le għall-Knisja."**

Anzi l-Papa jinsisti li bejn l-Iben t'Alla li sar bniedem u l-Knisja hemm kontinwità profonda li ma tinħallx u misterjuża, bil-mod li Kristu hu preżenti llum fil-poplu tiegħu u speċjalment f'dawk li huma s-suċċessuri ta' l-Appostli.

Benedittu XVI iħoss li l-avventura ta' l-Appostli bdiet f'forma ta' laqgħat bejn persuni li kienu miftuħa għal xulxin. Id-dixxipli beda jkollhom tagħrif dirett ta' l-Imgħallem, u aktar milli jwasslu ħsieb, huma kienu xhieda tal-persuna ta' Ġesù. Għaldaqstant qabel ma ġew mibgħuta jxandru u jevanġelizzaw, huma kellhom relazzjoni personali miegħu u b'hekk l-evanġelizzazzjoni mhi xejn aktar mit-tħabbira ta' dak li għaddew minnu huma personalment u stedina biex wieħed jidħol fil-misteru tal-komunjoni ma' Kristu.

Hawnhekk il-Papa jfisser li għalkemm Kristu qal lill-Appostli: **"Kont mibgħut għan-nagħaġ mitlufa tad-dar ta' Iżrael"**, wieħed ma jridx jieħu lil Iżrael bħala **'komunità tal-patt'**, imma l-wegħda divina titwettaq meta Alla nnifsu, bis-saħħa tal-magħżul tiegħu hawnhekk il-Papa, jiġbor in-nies tiegħu flimkien bħalma ragħaj jiġbor il-merħla. B'dan il-ġbir, is-Saltna ta' Alla hi mħabbra lill-popli kollha. Wara l-passjoni u l-qawmien mill-mewt ta' Ġesù, il-Papa jispjega li n-natura universali tal-missjoni ta' l-Appostli kienet ċara: Kristu jibgħat lill-Appostli **"fid-dinja kollha"**, **"lin-nazzjonijiet kollha"** u **"sa truf l-art"**. •

# IL-BOLOL TA' MALTA



L-ewwel bolol li bdew jintużaw hawn Malta kien fl-1857, jiġifieri 150 sena ilu. Dawn kienu bolol Ingliżi sakemm tliet snin wara, fl-1 ta' Diċembru 1860, beda jkollna l-ewwel bolla Maltija. Din kienet bolla safra tas-sitt ħabbiet li kienet turi lir-Reġina Victoria ta' l-Ingilterra. Fl-ewwel tas-sena 1885 ħareġ l-ewwel sett ta' bolol u dawk Ingliżi ma baqgħux iktar jgħoddu għal Malta. Dan is-sett ta' sitt bolol kienu juru wiċċ ir-Reġina fi lwien differenti u flus differenti. Kien hemm tas-sitt ħabbiet (1/2d), tas-sold (1d), taż-żewġ soldi (2d), taż-żewġ soldi u nofs (2 1/2d), ta' l-erba' soldi (4d) u tax-xelin (1s).

Sena wara ħarġet bolla tal-ħames xelini (5s) b'wiċċ ir-Reġina fuq sfond bis-salib ta' Malta. Fl-1899 ħarġu l-ewwel erba' bolol bl-istampi ta' Malta li qajmu interess kbir speċjalment fost dawk li kienu jġemmgħu l-bolol. Dawn kienu juru d-dgħajsa tas-sajd Għawdxija, xini antika u l-figura allegorika ta' Malta. Iżda l-isbaħ waħda u l-iktar waħda rari u li tiswa ħafna flus illum hija l bolla sewda tan-nofs lira (10s) li turi n-nawfraġju ta' San Pawl f'Malta. Bejn l-1903 u l-1911 ħarġu tliet settijiet ta' bolol li kienu juru wiċċ ir-Re Dwardu VII u fl-1914 bdew joħorġu dawk li juru r-Re Ġorġ V. Meta Malta ngħatat l-awtonomija mill-Ingilterra fl-1921 ħareġ sett bil-figura allegorika ta' Melita ddisinjata mill-artist Edward Caruana Dingli fuq il-bolol tal-1/4d, tas-6d u tal-lira u l-figura ta' Melita mgħannqa mal-Britannia ddisinjata mill-artist Ġanni Vella għal dawk tax-xelin u tan-nofs lira.




Wara bdew joħorġu settijiet eżatt bħal dawk ta' barra minn Malta li jfakkru xi okkażjonijiet speċjali. Fl-1935 kien hemm il-Ġublew tal-Fidda, sentejn wara l-koronazzjoni tar-Re Ġorġ VI, il-Vittorja fl-1946, il-Ġublew tal-Fidda taż-żwieġ ta' Ġorġ VI u Eliżabetta fl-1959, il-75 anniversarju ta' l-Unjoni Universali tal-Posta wkoll fl-1949, il-koronazzjoni tar-Reġina Eliżabetta II fl-1953, u tal-Helsien mill-Ġuħ u ċ-ċentinarju tas-Salib l-Aħmar fl-1963. L-ewwel bolol definittivi (li jibqgħu jintużaw għal żmien twil) kienu dawk tar-Re Ġorġ VI fl-1938 li kemm-il darba ħarġu varjazzjonijiet tagħhom jew ta' xi wħud minnhom sa l-1953.

Iż-żmien tad-deheb għall-bolol Maltin kienu t-23 sena meta l-pittur magħruf Emvin Cremona kien involut fid-disinji tagħhom. L-ewwel sett tiegħu kien l-ewwel sett ta' tliet bolol tal-George Cross li ħareġ fl-1957. Minn dakinhar sa l-1980 huwa ddisinja 62 sett ta' bolol li b'kollox jagħmlu iktar minn 170 disinn oriġinali differenti. Iżda l-iktar sett magħruf tiegħu kien dak ta' sitt bolol ta' l-1960 fl-okkażjoni tad-19 anniversarju minn nawfraġju ta' San Pawl. Mbagħad kien hemm sett ieħor sabiħ ħafna li ħareġ fl-1964 fl-okkażjoni ta' l-Indipendenza ta' Malta. Cremona jibqa' magħruf ukoll għas-sett ta' seba' bolol li fl-1965 fakkru r-raba' ċentinarju ta' l-Assedju l-Kbir. Jingħad li l-kapulavur tiegħu kienu l-21 bolla definittivi tas-snin 1965/70 li fakkru l-istorja glorjuża ta' Malta, minn żminijiet Neolitiċi sa l-Indipendenza. Publikazzjoni Amerikana tal-bolol issejjaħ dan is-sett bħala "l-isbaħ u l-iktar sett artistiku ta' bolol definittivi li qatt ħarġu s'issa fid-dinja". Emvin Cremona kien fdat ukoll bid-disinn tas-sett definittiv ta' ħmistax-il bolla li ħarħu fl-1973 u li juru aspetti ta' l-industrija, il-kultura, il-folklor u t-turiżmu. Sena wara huwa kien responsabbli għas-settijiet li fakkru meta Malta saret Repubblika u l-ftehim li sar mal-gvern Ingliż.




Din hija biss introduzzjoni ta' kif bdew l-ewwel bolol Maltin meħuda mill-ktieb sabiħ tal-Maltapost li jismu **"The Malta Stamp Collection 1964 – 2004"**.

Mix-xahar id-dieħel se nibdew serje sħiħa ta' artikli dwar il-bolol kollha li ħarġu mill-Indipendenza 'l hawn. Kull artiklu se jispiċċa b'kompetizzjoni dwar xi jkun inkiteb fl-artiklu u l-premjijiet se jingħataw ġentilment mill-Maltapost plc. It-tweġibiet għandhom jintbagħtu lili f'dan l-indirizz: Kompetizzjoni **Bolol ta' Malta, 11, Triq il-Gladjoli, San Ġwann SĠN 05.** •

## KOMPETIZZJONI BOLOL TA' MALTA

1. Wiċċ min kien jidher fl-ewwel bolla ta' Malta?
2. Liema hija l-isbaħ u l-iktar bolla rari?
3. Semmi tliet pitturi magħrufa li ddisinjaw il-bolol ta' Malta.

# Il-Poeta

minn Patri Lawrenz Briffa OFMCap

Il-Poeta bnin u sewwa
Mhux isir b'tiswir ta' l-id,
Iżda f'satra min-natura
Jinbet waħdu mit-twelid.

Mhemmx Poeta li sar b'ħiltu,
La għamluh missier u omm,
La għalliema, la ħbieb tiegħu,
Ebda ras, u ebda fomm.

Hu Poeta mhux għax jikteb,
Mhux għax jgħidu n-nies li hu,
Iżda biss għax in-natura:
**"Id-Duqqaqa"**, qaltlu **"Hu!"**

Kull Poeta jridu Alla,
Jagħġnu Hu bid-dawl t'għajnejh;
Kull Poeta hekk jitwieled:
B'rand ma' rasu, b'rix f'idejh.

Mhux Poeta għax iqabbel,
Iżd' għax jimxi b'pass meqjus,
U għax juri ġmiel Ħalliequ
B'kelma ħlejwa, b'għerf mikbus.

Il-Poeta mhux ifittex,
Iżda jħuf u dlonk isib,
U biex jikteb, mhux iħażżeż,
Iżda jpinġi bil-ħalib.

Il-Poeta b'ħeffa jgħanni
Għanjiet qalbu b'ebda rbit,
Li joħroġhom bi kliem għasel
Minn qalb sielma, b'moħħ imqit.

Il-Poeta jibki, jingħi,
Sewwa jxandar, jagħti ġieħ,
Jaqsam miegħek niket qalbek,
Miegħek jolfoq biex tistrieħ.

Il-Poeta jwissi, jfaħħar,
Jgħallem, jimsaħ sa kull dmugħ,
B'dehen iwiddeb, b'hena jfarraġ,
Jaħjik sew jekk fl-hemm mitfugħ.





# APPOSTOLAT TAT-TALB

***Intenzjonijiet tal-Papa u ta' l-Isqfijiet tagħna għas-sena 2007.***

## L-OFFERTA TA' KULJUM

Alla Missier, noffrilek dan il-jum, bit-talb, il-ħsibijiet, il-kliem, il-ħidma, il-ferħ u t-tbatija kollha tiegħi f'għaqda sħiħa ma' Ġesù Ibnek, li jkompli joffri lilu nnifsu fl-Ewkaristija għall-ħelsien tad-dinja. Agħmel li l-Ispirtu s-Santu, li mexxa lil Ġesù, imexxi lili wkoll u jkun ta' qawwa għalija biex inkun xhud ta' l-imħabba tiegħek. Ma' Marija, omm il-Mulej u omm il-Knisja, nitolbok b'mod speċjali skond Il-fehmiet tal-Papa għal dan ix-xahar.

## NOVEMBRU

- **Biex, kemm fir-riċerka medika u kemm fil-leġislazzjoni, ma jonqos qatt ir-rispett lejn il-ħajja umana mit-tnissil sat-tmiem tagħha naturali.**
- **Biex fil-peninsula Koreana jikber l-ispirtu tar-rikonċiljazzjoni u paċi.**
- **Sabiex il-fidi u t-tama f'ħajja eterna, ma jonqsu qatt fina.**

# ROKNA GĦAT-TFAL

## Aħseb u wieġeb

1. Min iqum għall-ħajja: Il-ħżiena; li għamlu t-tajjeb, il-boloh. (Ġw 5,29)
2. Bis-saħħa ta' l-Appostli kienu jsiru: Sinjali u Mirakli; Opri; Festi Kbar. (Atti 5,12)
3. Min jistħoqqlu l-glorja: Il-Mulej Alla tagħna; il-Madonna; San Ġużepp. (Apk 4,11)
4. Bin il-bniedem għandu s-setgħa jaħfer id-dnubiet: Iva; Le. (Mt 9,6)
5. Min hu Ġesù: Il-Messija; in-Nazzarenu; il-Mastrudaxxa. (Mk 6,3)
6. Lil min sellmet Marija: lil Żakkarija; lil Eliżabbetta; lil Ġwanni. (Lq 1,40)
7. Jien infittex ir-rieda ta'; Min bagħtni, Ommi, Tiegħi. (Ġw 5,31)
8. Kienu jqiegħdu l-morda biex x'ħin jgħaddi Pietru: Isellmilhom; Iberikhom; Jaqa' d-dell fuq xi ħadd. (Atti 5,15)
9. Kemm kellu siġilli l-ktieb: Ħamsa; Sebgħa; Għaxra. (Apk 5,1)
10. Mattew kien: Sajjied; Bidwi, Jiġbor it-Taxxi. (Mt 9,9)

**Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslulna mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar.**

Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk:
**ROKNA GHAT-TFAL, Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini Floriana VLT 14.**

**Ir-Rebbieħa ta' Ottubru hija: Malachy Scerri - Dingli. Nifirħulek!**

# TISLIBA - 76



1. Ftit minn din. (1 Kor 5,6) **(5)**
2. Missier Aħija. (1 Sam 14,3) **(6)**
3. B'dan minn quddiem. (Film 8) **(5)**
4. Bdiet titfarrak bil-mewġ. (Atti 24,41) **(5)**
5. Tfisser Alla għadd il-jiem. (Dan 5,26) **(4)**
6. Li l-anġli… (1 Pt 1,12) **(5)**
7. Kien *mistur* sa minn dejjem. (Efes 3,9) **(5)**
8. Bniedem hekk ikollu l-barka. (Prov 28,20) **(5)**
9. Għax hi… il-korla ta' Alla. (Bar 4,9) **(3)**
10. Injam mhux taċ-Ċedru biss. (1 Slat 5,24) **(7)**
11. u 12. Hekk jagħmel sal-qiegħ nett. (Tob 4,19) **(6)**
13. Mhux fuq il-lemin biss. (Mk 10,37) **(6)**
14. Għall-*wasla* tal-Mulej. (1 Tess 4,15) **(5)**
15. M'hijiex… minnha. (Imħ 15,2) **(5)**
16. Iressaq mhux il-bieraħ jew għada. (2 Kron 6,19) **(5)**
17. Spirtu: fin u … (Għerf 7,22) **(5)**
18. Qallu x'għandu jagħmel fil-menqa. (Ġw 9,7) **(7)**
19. Dan biss kien fil-bir. (ger 38,6) **(4)**
20. L-art ta' Għar lill-ulied dan. (Dt 2,9) **(3)**
21. Hekk jagħmel ħamsin bettija. (Ħaġ 2,16) **(5)**
22. Alessandru żiedhom lil Ġonatan. (1 Mak 10,88) **(5)**

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' OTTUBRU:**
***1. Tiben; 2. Malajr; 3. Wiċċu; 4. Kburi; 5. Oħla; 6. Frott; 7. Ibati; 8. Baħar; 9. Ela; 10. Ċarrat; 11. u 12. Arawna; 13. Nadifa; 14. Smajt; 15. Jsiru; 16. Ħtija; 17. Aksaf; 18. Moreset; 19. Rasu; 20. Dak; 21. Jasar; 22. Jafda.***

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz:* ***Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14***

**Ir-Rebbieħ ta' Ottubru hija: Isabelle Scerri - Rabat. Nifirħulek!**

# L-ARGUMENT FAVUR IS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (2)



**Fis-swieq ultra kompettitivi ta' llum, ħafna min dawk li jħaddmu sikwit igergru fuq profitti dejjem neżlin u kontijiet telgħin. Imbagħad jaslu għall-konklużjoni li l-ispejjeż marbuta mas-saħħa u s-sigurtà fl-azjendi tagħhom huma żejda. Allura, biex wieħed jirbaħ l-argument favur kultura ta' ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiem fuq il-post tax-xogħol, minn fejn għandu jibda?**

## MORALITÀ

Diġà aċċennajna fuq l-aspett morali fl-ewwel artiklu: u mhux biss is-sofferenzi ta' dak li jweġġa' meta jsir inċident fuq il-post tax-xogħol, iżda anki t-tribulazzjonijiet li jgħaddu minnhom l-għeżież! Hawn min jispiċċa mmankat għal għomru u jkollu bżonn lil min jieħu ħsiebu erba' u għoxrin siegħa kuljum: tobba, kura, pilloli ... u dan kollu meta l-paga m'għadhiex dieħla. Meta d-dizgrazzja tinvolvi l-mewt, il-vittma qed tistrieħ. Imma ma nistgħux ngħidu hekk għal dawk li tħalli warajha u li fi ftit sekondi raw il-ħajja tagħhom tinbidel b'mod daqshekk infernali. Biex wieħed ikollu idea żgħira, is-sena l-oħra hawn Malta, skond statistika maħruġa mill-Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (l-OHSA), seħħew 4314 il – inċident u mietu tmien ħaddiema.

Dawn ta' l-aħħar sabu ruħhom, ta' bil-fors, fil-kotba ta' l-Istatistika. U n-numru "tmienja" jiżdied mat-total. Imma r-romol u t-tfal?

## L-ASPETT FINANZJARJU

Semmejna l-alla tal-flus. Huwa veru li s-saħħa u s-sigurtà tinvolvi l-ispejjeż. Imma kemm hemm spejjeż involuti meta jkun hemm inċident ikraħ fuq il-post tax-xogħol li xi kultant lanqas nimmaġinawh! L-assigurazzjoni (insurance) ma tkoprix l-ispejjeż kollha – speċjalment fost dawk l-iktar kruċjali bħat-telf tar-reputazzjoni ta' l-Organizzazzjoni; nuqqas ta' produzzjoni u ħin marbut ma' l-investigazzjoni ta' l-inċident – f'ċerti każijiet il-post ikollu jingħalaq sakemm din tispiċċa; ħsarat f'apparat; taħriġ għall-impjegati ġodda u multi ħorox, fost oħrajn. U x'jiġri meta l-Organizzazzjoni titfittex għad-danni? Xi kultant id-danni mogħtija mill-Qrati jistgħu jlaħħqu l-eluf kbar ta' liri. Allura mhux aħjar tinvesti elf lira llum milli titlef għaxart elef għada?

## IS-SAĦĦA TAL-LIĠI

Dawn l-aspetti morali u finanzjarji ta' l-argument jistgħu jagħmlu biss appell lill-kuxjenza u l-intelliġenza ta' dak li jkun. Imma, fejn tidħol il-Liġi ma hemmx tidwir mal-lewża! Hemm l-obbligazzjonijiet li timponi fuqek – trid u ma tridx! Fil-preżent, hemm 'il fuq minn 30 avviż legali li jittrattaw id-diversi perikli, dmirijiet ta' min iħaddem (u l-impjegati tiegħu) u l-prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu biex jiġu ssalvagwardjati s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

Għalissa però, biżżejjed li nġibu l-artikli numru 4 (1) u 6(1) ta' l-Att XXVII tas-sena 2000 (Kapitlu 424), l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (li minnu joħorġu dawn l-avviżi legali):

- ***Il-protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol għandha titqies bħala materja ta' interess pubbliku.***
- ***Min iħaddem għandu dejjem jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem.*** •






**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**P. Crispin Tabone OFMCap, Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana**

**Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525.**